# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 393 • OTTUBRU 2019 • ID-39 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




"Bħal San Franġisk lill-Knisja nħobbuha... inħossu magħha u naħdmu magħha u għaliha."

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal - Fr Philip Cutajar OFMCap
San Franġisk t'Assisi u l-Knisja: Inħobbuha – inħossu magħha u naħdmu magħha

6 Spiritwalità Franġiskana - Fr Martin Mamo OFMCap
San Franġisk t'Assisi qaddis mudell għad-dinja tal-lum

9 Franġiskaniżmu - nghixu l-ispirtu ta' Damietta - Fr Edmund Teuma OFMConv
X'ħa San Franġisk miż-żjara tiegħu lis-sultan (it-tielet parti)

12 Spiritwalità Franġiskana - P. Alfred Calleja OFMConv
Għeluq it-8 Ċentinarju miż-żjara ta' San Franġisk lis-sultan tal-Eġittu fl-1219 (l-ewwel parti)

14 Aħwa li daħlu fl-Eternità - Fr Philip Cutajar OFMCap
Il-patri li ta ħidma bħala għalliem u fil-formazzjoni imma fuq kollox kien ħabib tal-morda u l-anzjani

19 Qaddisin ta' Żmienna - Philip Said
Lejn il-kanonizzazzjoni tal-Beatu John Henry Newman (1801-1890) (l-ewwel parti)

21 Storja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Is-Sette Giugno - meta d-demm Malti ġera fit-toroq tal-Belt Valletta (8)

23 Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet - Fr Silvestru Bonavia OFMCap
L-Ewwel Komunità Kontemplattiva tas-Sorijiet li tilqa' tfajliet bid-Down Syndrome

25 Aħbarijiet tal-Provinċja - Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

30 Riċetti tal-Qaddisin - Fr Paul Bugeja
San Ġwanni Pawlu II Papa - Frejjeġ tal-ħaxix (bil-Pollakk imsejħa - "Placki")

31 Kompetizzjoni - Fr Wistin Attard OFMCap





### Ħsieb tal-faċċata

Il-Qaddis Franġisku t'Assisi, bħalma qed inebbaħ lill-Papa Franġisku f'għemilu u f'tagħlimu, inħalluh ukoll inebbaħ lilna bil-għan li l-virtujiet tiegħu jsiru wkoll il-virtujiet tagħna. Nammiraw u nimitaw lill-Fqajjar t'Assisi fl-imħabba kbira li kellu lejn il-Knisja Kattolika li tagħha kien iben denn u fidil. Ħass magħha l-uġigħ ta' żmienu. U għax ħabbha ħadem magħha u għaliha, mingħajr makkritikaha u maqdarha.


## BORD EDITORJALI

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2019



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# SAN FRANĠISK T'ASSISI U L-KNISJA: INĦOBBUHA – INĦOSSU MAGĦHA U NAĦDMU MAGĦHA

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Nitkellem dwar San Franġisk b'relazzjoni ma' waħda mill-kariżmi li kien jippossiedi, jiġifieri dik tal-imħabba tiegħu lejn il-Knisja Kattolika, inġib quddiem għajnejja l-kliem ta' Ġuljanu ta' Speyer, meħud mill-antifona tal-*Uffiċċju tal-Liturġija tas-Sigħat* li ntennu dakinhar tal-festa tal-qaddis, antifona li tibda bil-kelmiet: *"Franciscus vir catholicus et totus apostolicus"* (Franġisku kollu kemm hu Kattoliku u appostoliku). Sa minn mindu kont midħla tal-Kapuċċini dawn il-kelmiet kienu laqtuni, għalkemm mhux minn dejjem fhimt it-tifsira tagħhom. Imma minn dejjem impressjonawni u baqgħu mnaqqxa f'qalbi, tant li kemm-il darba ppritkajthom u ktibt dwarhom, bħalma qed nagħmel magħkom illum.

Ħafna drabi taħkimna t-tentazzjoni li nħarsu lejn San Franġisk mill-aspett glorjuż tiegħu biss. Nitgħaxxqu nħarsu lejn xi pittura li tippreżentalna l-qaddis fil-glorja tiegħu mdawwar mill-anġli. Nammiraw lill-qaddis t'Assisi mdawwar bl-annimali u t-tjur tal-ajru, bil-fjuri ħdejn xi xmara sabiħa. Imma dan mhuwiex Franġisku sħiħ. Nagħmlu tajjeb li niskopru wkoll lil San Franġisk fit-tbatijiet tiegħu, fil-kunflitti li kellu mal-patrijiet ħutu, fil-mard li sofra bit-tuberkulożi u meta tilef id-dawl t'għajnejh. Illum xtaqt inħares lejn il-qaddis li tiegħu matul dan ix-xahar nagħmlu l-festa mill-aspett tal-imħabba kbira u bla ebda kundizzjoni li kellu lejn il-Knisja Kattolika u magħha lejn il-Papa u l-qassisin kollha.

## "KOLLU KATTOLIKU" – "KOLLU APPOSTOLIKU"

F'dan il-kuntest hemm min iħares lejn San Franġisk bħala xi revoluzzjonarju li sfida lill-Knisja u lis-soċjetà ta' żmienu billi ħadha qatta bla ħabel kontra l-istrutturi u l-awtorità bil-ġerarkija b'kollox. Saħansitra hemm min iħares lejn il-qaddis tagħna bħala dak li witta t-triq għar-Riforma Protestanta. Imma dan mhuwa minnu xejn. Il-kliem ta' Speyer jagħtina xhieda ta' kemm dawn huma akkużi foloz, meta jsejjaħ lil San Franġisk "kollu Kattoliku" u "kollu appostoliku". Kliem li juri kemm tassew il-Fqajjar t'Assisi kien fi kliemu u f'għemilu marbut ħaġa waħda mal-Knisja Kattolika u mat-tagħlim tal-appostli. Kien il-qaddis li **ĦABB** il-Knisja, kien **IĦOSS** mal-Knisja speċjalment quddiem il-weġgħat tagħha, li



kienu jsirulha minn dawk ta' ġewwa, u wkoll ħa d-deċiżjoni li **JAĦDEM MAL-KNISJA U FIL-KNISJA** għat-tiġdid tagħha.

## "KOLLU KATTOLIKU" BIL-FATTI

Prova ċara ta' kemm tassew San Franġisk kien ħaġa waħda marbut mal Knisja Kattolika hija l-fatt li bil-għan li jkun ikkonfermat l-istil ta' ħajja ġdida tiegħu flimkien mar-Regola mar jiġri Ruma għand il-Papa. U quddiem din it-talba l-Papa stess, f'ħolma li nistgħu nsejħulha mirakoluża, jara lil Franġisku jżomm fuq spallejh il-knisja tal-Lateran, li kienet il-katidral ta' Ruma, peress li l-Vatikan kien għadu ma nbeniex. Dan huwa għamlu bil-għan li jkun ċert li huwa miexi fit-triq it-tajba, minħabba li fi żmienu stess kien hemm diversi gruppi oħrajn li taw bidu għal ħajja ta' faqar imma li ma kinitx konformi mal-Evanġelju u għalhekk saru eretiċi. U l-Papa tah il-konferma verbali.

Fiż-żewġ regoli li kiteb jinsisti li s-superjuri kollha flimkien mal-aħwa għandhom *"iwiegħdu ubbidjenza u qima lejn is-Sinjur Papa Innoċenz u lejn is-suċċessuri tiegħu"* (Rnb Prologu; Rb kap. 1). U lill-predikaturi jordnalhom: *"Ħadd mill-aħwa ma għandu jippritka kontra t-tagħlim u l-liġijiet tal-Knisja Mqaddsa..."* (Rnb kap. 17). Hu wkoll jinsisti li *"l-aħwa kollha għandhom ikunu Kattoliċi, jgħixu u jitkellmu ta' Kattoliċi..."* (Rnb kap. 19). Fir-Regola li kiteb jinsisti li s-superjuri, meta jdaħħlu xi kandidat ġdid, joqogħdu ferm attenti li dan ikollu fedeltà u ubbidjenza lejn it-tagħlim tal-Knisja Kattolika (Rb kap. 2).

## IĠEDDED IL-KNISJA MINN ĠEWWA U B'GĦEMILU

Dak li ried jagħmel San Franġisk kien li minn ġewwa, u mhux minn barra billi joqgħod jikkritika u jikkundanna lill-Knisja ta' żmienu, iġedded lill-istess Knisja. U dan għamlu minn ġewwa billi beda hu. U dan għandu jkun u jibqa' wkoll l-impenn tagħna quddiem id-dnubiet tal-Knisja. Minflok ma noqgħod nikkritika, taparsi nitkaża u nikkundanna, nibda jiena... għax jiena parti mill-Knisja.



## U DAN HU LI JISTEDINNA GĦALIH IL-PAPA FRANĠISKU

Ir-riforma li l-Papa Franġisku flimkien ma' dawk ta' qablu, nistgħu ngħidu mill Konċilju Vatikan II 'l hawn, qed jitolbu, hija dik ta' Knisja mġedda u mibnija fuq **il-ħniena**... fuq **l-imħabba.**

Qatt u f'ebda żmien tal-istorja tagħha – speċjalment fi żminijiet kritiċi bħal tagħna – ma tista' l-Knisja tinsa dik it-talba li hi għajta għall-ħniena ta' Alla quddiem il-qawwiet kollha tal-ħażen li qed jagħfsu fuq il-bnedmin u jhedduhom. Aktar ma l-kuxjenza tal-bniedem iċċedi quddiem is-sekulariżmu u titlef it-tifsir sħiħ tal-kelma "ħniena", u aktar ma twarrab lil Alla u titbiegħed mill-misteru tal-ħniena, aktar għandha l-Knisja titlob ħniena mingħand Alla "**b'leħen għoli**". Dan il-"leħen għoli" għandu jkollha l-Knisja ta' żmienna, leħen li jitla' quddiem Alla jitlob ħniena, dik il-ħniena li l-Knisja tistqarr u xxandar li seħħet fi Kristu msallab u rxoxt, jiġifieri fil-misteru tal-Għid.

## "IL-FUS LI JWIEŻEN IL-ĦAJJA TAL-KNISJA HU L-ĦNIENA"

"Il-fus li jwieżen il-ħajja tal-Knisja hu l-ħniena," jgħidilna l-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II fid-*Dives in misericordia*.

U l-Papa Franġisku jkompli jisħaq:



*"L-azzjoni pastorali kollha tal-Knisja għandha tkun imgeżwra fil-ħniena li biha hi ddur fuq dawk li jemmnu; xejn mit-tħabbira u mix-xhieda tagħha quddiem id-dinja m'għandu jkun nieqes mill-ħniena. Il-kredibbiltà tal-Knisja tgħaddi mit-triq tal-imħabba ħanina u kollha kompassjoni. Il-Knisja "tgħix bix-xewqa bla temma li toffri ħniena. Forsi għal ħafna żmien insejna nuru liema hi u ngħixu t-triq tal-ħniena."*

Huwa verità dak li qed jgħidilna l-Papa: kien hemm mumenti meta l-Knisja, jew aħjar xi nies tal-Knisja, serqu u ħbew l-imfietaħ tal-ħniena ta' Alla u rrikorrew għat-tifsira żbaljata tal-"ġustizzja ta' Alla" billi kienu ħfief biex jikkundannaw, jiskomunikaw u jitfgħu n-nies fl-infern. Hawnhekk il-Knisja, fi kliem l-aħħar papiet, hemm bżonn li titlob maħfra, kif fil-fatt għamlet, u tgħaddi minn proċess ta' konverżjoni pastorali.

*"Għall Knisja wasal mill-ġdid iż-żmien li xxandar kollha ferħ il-maħfra. Hu ż-żmien li nerġgħu lura għall-essenzjali biex nagħmlu tagħna d-dgħufijiet u d-diffikultajiet ta' ħutna. Il-maħfra għandha l-qawwa li tqajjimna lura għal ħajja ġdida u timliena bil-kuraġġ biex nistgħu nħarsu b'tama lejn il-ġejjieni," ikompli jistieden il-Papa San Ġwanni Pawlu II.*

## NIXTIEQ NARA KNISJA...

Bħala Franġiskan, iben bla ma jistħoqqli ta' Missierna San Franġisk, jiena wkoll nixtieq nara Knisja mġedda bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

- Nixtieq nara Knisja aktar ħanina u omm... omm mhux biss għax tgħallem imma wisq iżjed għax tippossiedi l-ħniena tal-omm, biex b'hekk tkun qed timxi tassew b'fedeltà fil-passi tal-fundatur tagħha Ġesù Kristu.
- Nixtieq nara Knisja aktar evanġelika milli legalista.
- Nixtieq nara Knisja li fiha tinkarna u tgħix l-attitudni tas-Samaritan it-tajjeb. U dan tagħmlu billi "tkun bħal sptar fuq kamp tal-battalja" – sptar miftuħ biex jilqa' lil kull min hu marid spiritwalment.
- Nixtieq nara mhux Knisja li tidħol f'kontrapożizzjoni u f'konfront mad-dinja, imma pjuttost fi djalogu mad-dinja.
- Nixtieq nara Knisja li "toħroġ" u tmur fil-periferiji eżistenzjali tas-soċjetà ta' żmienna (EG 20).
- Nixtieq nara Knisja kariżmatika u għalhekk missjunarja.
- Nixtieq nara Knisja li titbiegħed mill-privileġġi, mill-unuri, mit-titli bla sens li spiċċa żmienhom u tinżel biex tgħix aktar qalb in-nies u man-nies, speċjalment il-familja, il-morda, l-imwarrbin, il-ħaddiema, it-tfal u ż-żgħażagħ.
- Nixtieq nara Knisja li ma jimpurtax li tkun miġruħa, feruta u maħmuġa għax toħroġ fit-toroq. L-importanti li ma tibqax Knisja marida bl-għeluq ta' strutturi li jagħtuna protezzjoni falza, fin-normi li jibdluna fi mħallfin bla ħniena u fil-kumdità taċ-ċertezzi li magħhom ta' spiss ninqabdu aħna ggranfati (EG 49).
- Nixtieq nara Knisja li fiha, speċjalment aħna bħala operaturi pastorali, ma niddejqux li jkollna "r-riħa tan-nagħaġ" – anke jekk din hija riħa li tinten.

*Il-Mulej jagħtikom is-sliem!* ■

FR MARTIN MAMO OFMCAP



# SAN FRANĠISK T'ASSISI QADDIS MUDELL GĦAD-DINJA TAL-LUM

(L-EWWEL PARTI)

## FRANĠISKU IBEN DENN TAL-KNISJA

**Kemm hu kbir San Franġisk, kemm huwa waħdieni, kemm huwa uman! Kif isaħħrek u jiġbdek lejh! Qaddis mhux tas-soltu, ta' qalb kbira, jiddi bil-karizmi tal-verità f'konformità mat-tagħlim tal-Evanġelju. Qaddis mimli umiltà, penitenza u sempliċità evanġelika. Qaddis li jħeġġeġ f'qalbna ħuġġieġa, kollha qlubija, kollha ħeġġa. Fundatur ta' tliet ordnijiet storiċi u famużi. Riformatur tal-Knisja, li l-għan tiegħu kien li jirriforma l-Knisja minn ġewwa u beda bih innifsu. Għalih il-Knisja hija fid-dinja imma mhux tad-dinja. Kellu idea għolja tal-Knisja minkejja li kienet waħda mdawra bis-setgħa materjali, mogħtija għall-frugħa u mitlufa wara l-arti. Sar ħaddiem l-aktar ħabrieki tal-Knisja, ħadem għaliha u fiha, frott l-Ispirtu s-Santu li hemm fih, għalkemm imdawwar minn diversi setet bħall-Katari u l-Valdeżi. Fuq kollox kien għalliem ta' ħajja spiritwali. Fuq dan se nkellimkom illum: il-qaddis Serafiku, il-qaddis li jien għandi x-xorti li nsejjaħlu 'Missierna'.**

## SAN FRANĠISK HUWA SIMBOLU U EMBLEMA

Ħajtu fiha tifsira kbira. Huwa xhud tal-fidi, emmen u wera li jemmen verament għax sar kif qal il-Papa Beneditti XV *(li kien papa bejn is-snin 1914-1922)*: "l-aktar xbieha perfetta ta' Kristu li qatt għexet". F'quddiesa lill-kardinali fil-Kappella Sistina, il-Papa Franġisku, ftit wara l-inkardinazzjoni tiegħu, qal: "Tista' tkun papa, kardinal jew isqof, imma jekk m'intix Kristu ieħor, lanqas dixxiplu ma int!" San Franġisk la kien papa, la kardinal u lanqas isqof, imma bla dubju kien Kristu ieħor. Kien dixxiplu perfett ta' Kristu. Dante jsejjaħlu 'xemx', għax filwaqt li għex 800 sena ilu, għadu jiddi għas-soċjetà tal-lum, u l-Papa Ġwanni Pawlu II jsejjaħlu 'l-bniedem fenomenali'. Ried juri b'mod konkret li l-Evanġelju huwa fdat lill-Knisja u għandu jintwera u jingħax b'mod eżemplari mill-membri tal-Knisja. San Franġisk segwa lil Kristu *(Sequela Cristi)*, imitah *(Imitatio Cristi)* u ġie ttrasformat fih *(Transformatio Cristi)*. Għalih jgħodd il-vers ta' San Pawl: "Issallabt ma' Kristu; ngħix mhux jien iżda Kristu jgħix fija" (Gal. 2, 19).

## IT-TWELID

Twieled f'Assisi fl-Umbria fil-qalba tal-Italja fis-26 ta' Settembru 1181 minn Pietro Di Bernardone u Giovanna, imsejħa Madonna Pica. Twieled




fi żmien meta missieru kien imbiegħed minn artu, u ommu tatu l-isem ta' Ġwanni. Imma missieru, negozjant għani tad-drappijiet, malli ġie lura minn Franza, lil dan ibnu ried isejjaħlu 'Franġisk', b'rabta ma' Franza li hu tant kien iħobb. Dak l-isem ma tantx kien komuni fl-Italja. Imma iżjed tard sar isem popolari, u mhux iżjed għal Franza imma għal San Franġisk t'Assisi. Ommu, Madonna Pica, ta' mara twajba li kienet, għamlet ħilitha biex trawwem fih sa minn ċkunitu mħabba kbira lejn Alla. Franġisk qatt ma kien bniedem ta' skola kbira. Fl-iskola tal-parroċċa ta' San Ġorġ f'Assisi hu tgħallem jaqra u jikteb. Hu studja wkoll ftit Franċiż, kien iħobb il-poeżiji u kellu



inklinazzjoni qawwija għall-mużika. Franġisku kien bniedem li meta jħobb xi ħaġa kellu l-ħila jintefa' fuqha b'ħeġġa. Hu kien ukoll ta' memorja tajba, u din il-memorja għenitu biex jitgħallem ħafna minn dak li kien jaqra fuq ir-reliġjon Nisranija. Imma hu kien kapaċi jitgħallem għaliex, aktar milli jistudja, kien jimmedita fuq dak li kien iħossu miġbud lejh.

## IBEN DENN TA' ASSISI

Franġisku ħabb ħafna aktar 'l Assisi, il-belt ċkejkna li fiha kien twieled. Hu xtaqha tkun ħielsa minn ħakmiet ta' bliet oħrajn. Fis-sena 1202 Franġisku tqabad anki bl-armi fil-gwerra li kien hemm bejn Assisi u Perugja. Dawk ta' bellu sofrew telfa, u hu nnifsu waqa' priġunier. Dak kien żmien meta Franġisku beda jirrifletti fuq il-veru valur tal-ħajja. Wara sena magħluq fil-ħabs, fl-1204 Franġisku nħakem minn marda twila. Imma malli, fis-sena 1205, fieq mill-marda tiegħu, lilu malajr reġgħu rikbuh l-ambizzjonijiet ta' qabel, u telaq lejn il-Puglia bit-tama li jinħatar kavallier. Imma hu bilkemm beda dak il-vjaġġ. Franġisku bħal donnu laqtitu sajjetta fil-bnazzi, kif ġralu Pawlu ta' Tarsu.

## MIXJA TA' KONVERŻJONI

Mhux għax qatt kien xi sfrattat; ma tantx seta' jkun, bit-trobbija t'ommu, imma ejjew insejħulha 'konverżjoni' l-mixja fid-deċiżjoni vokazzjonali ta' Franġisku. Huma sitta t-tappi li permezz tagħhom San Franġisk għamel id-deċiżjoni f'ħajtu.

**1. Il-ħolma ta' Spoleto fis-sena 1205. Ma kienx wasal ħlief sal-belt ta' Spoleto meta kellu ħolma li ġegħlitu jirrifletti ħafna. "X'inhu l-aħjar, timxi wara l-imgħallem jew wara l-qaddej?" Franġisku ma ddubitax liema kellha tkun l-għażla tiegħu, imma hu ma kienx fehem x'kellu jagħmel.**

**2. Meta fil-ħarifa tas-sena 1205 Franġisku, ħdejn San Lazzaro dell'Arce, fil-Valle Umbra, iltaqa' mal-lebbruż, niżel minn fuq iż-żiemel, għannaq il-lebbruż u biesu.**

**3. Meta fl-24 ta' Jannar 1206 kien fil-kappella ta' San Damjan u l-Kurċifiss qallu: "Mur sewwi l-Knisja tiegħi, li qed tiġġarraf." Franġisku jgħix bħala oblat mal-qassis ta' San Damjan. Imur lura d-dar u missieru jippersegwitah.**

**4. Franġisku ħarab u mar inħeba ġo għar, fejn dam xahar.**

**5. Meta fl-24 ta' Frar 1208 kien fil-kappella tal-Porziuncola u hemm qara s-silta minn San Mattew (10, 9): "Teħdux flus magħkom..."**

**6. Meta fis-17 t'April 1209 kien fil-kappella ta' San Nikola u għal tliet darbiet fetaħ il-Bibbja u sab il-qari li jgħid: "Jekk trid tkun perfett, mur bigħ li għandek..."**

Franġisku kien għadu ma fehemx tajjeb x'ried Alla mingħandu. Imma hu beda jintebaħ li l-Mulej riedu jagħti ħajtu għas-servizz tal-Knisja.

Għal xi żmien Franġisku ħalla daru u nġabar fil-knisja ta' San Damjan. Missieru kien għadu jittama li dak ma kienx ħlief żmien qasir ta' kriżi. Hu kellu ħafna ambizzjonijiet għal ibnu; kien jittama li jagħmel minn ibnu wieħed li jkun meqjus fost il-kbar ta' artu *(maggiori)* u jasal għal pożizzjoni li tgħollih għalkollox 'il fuq mill-foqra u dawk li s-soċjetà kienet tqis bħala ż-żgħar *(minori)*. Imma meta baqa' jara 'l ibnu mitfugħ fuq attivitajiet li għalih kienu strambi u li dehru li se jbaxxuh, Pietro tħawwad.



Franġisku ħarab u mar inħeba ġo għar, fejn dam xahar. Kien propju hawn, f'dan il-għar, il-punt ċentrali tad-deċiżjoni tiegħu. Irritorna u rema d-drappijiet ta' missieru, li b'konsegwenza qaflu ġo ħabs fid-dar stess. Dan kien speċi ta' daħla ċkejkna li tinqafel bi grada tal-ħadid, imma nħeles minn dan il-'ħabs' minn ommu Giovanna. Pietro Di Bernardone ħa deċiżjoni li għal Franġisku fissret ħajja ġdida. Quddiem missier imbergħen u fil-preżenza tal-Isqof Guido ta' Assisi, li kien qed jagħmilha ta' mħallef, Franġisku ddikjara li jiċħad kull wirt li kien imissu minn missieru. "Mil-lum 'il quddiem," stqarr iż-żagħżugħ Franġisku, "ngħid, 'Missierna li inti fis-smewwiet.'"

## DEĊIŻ FID-DEĊIŻJONI TIEGĦU

Kienet bdiet is-sena 1206 meta Franġisku kien ċert x'kellha tkun it-triq ta' ħajtu. Hu libes libsa fqajra forma ta' salib, b'salib fuqha, u dak li kien jixtieq isir 'kavallier tad-dinja' sejjaħ lilu nnifsu **'kavallier tar-Re l-Kbir'**. Mar Gubbio fl-abbazija ta' San Vericondo u wara mar il-Porziuncola għal sentejn, fejn minn hemm tista' tgħid li twieled l-Ordni glorjuż Franġiskan, li fih bdew jissieħbu miegħu l-ewwel aħwa Bernardo Quintavalle u Pietro Capello.

"Dak li qabel deherli li hu mrar inbidel fi ħlewwa tar-ruħ, imbagħad qgħadt naħsibha ftit u ħallejt id-dinja" *(Testment)*. Il-penitenza wasslet lil San Franġisk għall-konverżjoni. F'dawn is-sentejn Franġisku għex stil ta' ħajja iebsa maqtugħ għalih waħdu, mogħti għat-talb u għall-penitenza. Hu għex ukoll jaqdi u jitlob f'xi monasteri Benedittini, u għamel fihom il-ħidmiet l-iżjed umli u l-iżjed ibsin. Kienu għadhom f'moħħu l-kelmiet tal-Kurċifiss ta' San Damjan, li qallu: "Sewwi l-Knisja tiegħi."

Franġisku aċċetta dawk il-kelmiet kif daqqew f'widnejh; għalhekk hu ntefa' biex isewwi l-ħsara li kien fihom tliet knejjes ċkejknin ta' madwar Assisi: dawk ta' San Damjan, ta' San Pietro della Spina, u ta' Santa Marija tal-Anġli. Franġisku kien qed jistenna għal darb'oħra l-leħen ta' Alla. Hu ma ġġarrafx quddiem id-disprezz ta' dawk li fl-imgħoddi kienu ħbiebu; imma hu lanqas ma ntefaħ bl-ammirazzjoni ta' dawk li raw fih bidla tal-għaġeb. Imbagħad lejn l-aħħar ta' Frar 1208, waqt li fil-knisja ta' Santa Marija tal-Anġli sema' l-qari tal-Evanġelju, intlaqat minn kelmiet li ħasshom qed jingħadu għalih. Kienu l-kelmiet li Kristu bihom ħabbar x'kellha tkun il-missjoni tal-appostli u l-ħajja ta' faqar li kienu sejrin jgħixu. ■

FR EDMUND TEUMA OFMConv



# X'ĦA SAN FRANĠISK MIŻ-ŻJARA TIEGĦU LIS-SULTAN (IT-TIELET PARTI)




## SAN FRANĠISK XHUD TA' TWEMMINU

Fiż-żewġ artikli ta' qabel dan tkellimna dwar il-ħsieb ta' Fra Tumas ta' Celano u dak ta' San Bonaventura dwar iż-żjara li San Franġisk għamel lis-Sultan Kâmil al-Malik f'Damietta, l-Eġittu, f'Settembru 1219, sewwasew 800 sena ilu. Did-darba sa nippruvaw naraw x'ħa l-Qaddis minn din iż-żjara. Iżda qabel ma naraw x'ħa, irridu naraw x'ta. Huwa ta xhieda ta' twemminu, li għalih wera x-xewqa li jmut martri. Ta xhieda quddiem is-Sultan ta' twemmin Nisrani tabilħaqq qawwi, tant li s-Sultan baqa' milqut u nġibed lejh u riedu jibqa' miegħu. Min jaf x'kien jiġri kieku Franġisk baqa' hemm! Il-missjoni li għamel hu taha bil-ġentilezza, bl-umiltà, mhux bħal xi ħaġa ġejja minn xi ħadd ogħla u aqwa minn min qed jirċievi. U din hija l-essenza tad-djalogu interreliġjuż. Ma tistax tmur b'kumpless ta' superjorità biex tgħallem lil min ma jaf xejn... bħallikieku int taf kollox u l-ieħor hu l-akbar injorant. Il-Konċilju Vatikan II jagħmilha ċara li dawn ir-reliġjonijiet għandhom it-tajjeb tagħhom u minnhom aħna għandna x'nitgħallmu (ara *Nostra Aetate,* 2).

## MUDELL TA' TALB TA' TIFĦIR

Dan iġibna għall-punt ta' x'ħa San Franġisk miż-żjara tiegħu lis-Sultan. Franġisk mar hemm b'missjoni li jsejjaħ lis-Sultan u lil niesu għall-fidi Kattolika, iżda mar b'interess kbir biex jara x'hemm tajjeb fl-Iżlam u jibda minnu biex jiġbed lejn il-fidi fi Kristu lil dawk in-nies. Mela mar hemm b'moħħ miftuħ biex jara, jisma' u jitgħallem. Fih kien hemm il-veru spirtu ta' djalogu. It-tagħlim li ħa mill-Iżlam San Franġisk narawh fi wħud mit-talbiet li kiteb. Għandu t-talbiet ta' tifħir lil Alla li żgur kitibhom taħt l-influwenza tal-ispirtu Musulman. Huwa ra u sema' lill-Musulmani jitolbu u żgur talab li jingħata fi lsienu l-kontenut ta' dak it-talb. Hemm xebh kbir bejn kif l-Iżlam ifaħħar lil Alla u kif ifaħħru San Franġisk.

Nagħtu xi eżempji:
*Huwa Alla li m'hemm ebda alla ieħor ħliefu.*
*Huwa jagħraf il-mistur u l-mikxuf.*
*Huwa Alla tal-ħniena, il-Ħanin.*
*Huwa Alla li m'hemm ebda alla ħliefu.*
*Huwa s-Sultan, il-Qaddis, is-Sliem, il-Fidil,*
*l-Għassies, ta' saħħa bla qies,*
*dak li jista' kollox,*
*dak ta' kobor bla qies.*
*Sebħ lil Alla!*
...
*Il-Ħallieq, il-Bidu ta' kull ħaġa,*
*dak li jsawwar kollox...*
(Q. 59: 22-21)

Hija silta mill-Qur'ân li fiha tiġbor



xi wħud mid-99 isem sabiħ ta' Alla, li l-Musulman devot, meta tarawh igedwed, ikun qed jgħaddihom bil-kuruna f'idejh. Xi wħud minnhom huma dawn:

*Ta' Alla l-ismijiet is-sbieħ, sejħulu bihom...*
*Il-Ħanin, il-Mulej tal-ħniena, is-Sultan, il-Qaddis, is-Sliem, il-Fidil, l-Għassies, l-Għażiż, is-Setgħan, ta' kobor bla qies, il-Ħallieq, il-Bidu ta' kollox, dak li jsawwar kollox, dak li jaħfer, dak li jaħkem fuq kollox, dak li jagħti kollox, dak li jagħti r-risq, ir-Rebbieħ, dak li jaf kollox...*

Issa nqabblu dan mat-talb ta' tifħir ta' San Franġisk:
*Int qaddis, waħdek Mulej Alla, li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb.*
*Int qawwi.*
*Int kbir.*
*Int l-aktar għoli.*
*Int sultan li tista' kollox, missier qaddis, sultan tas-sema u tal-art.*
*Int Mulej Alla wieħed (fi tliet persuni).*
*Int kull tjieba.*
*Int it-tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba,*
*Mulej Alla, ħaj u veru.*
*Int għerf...*

U oħra:
*O Alla, li tista' kollox, l-aktar qaddis, l-aktar għoli u kbir, l-akbar tjieba, kull tjieba, kollok kemm int tjieba, int waħdek tajjeb: nagħtuk kull tifħir, kull sebħ, kull radd ta' ħajr, kull ġieħ...*

U hemm eżempji oħrajn. M'iniex ngħid li jien bilfors ċert li f'dawn it-talbiet San Franġisk kien influwenzat mill-ispiritwalità Musulmana, għax il-kontenut hu fi qbil perfett mat-twemmin u l-ispiritwalità Nisranija. Iżda l-istil li adotta għal dat-talb jista' jkun li ġabu mill-Iżlam.

## HOEBERICHTS

F'kitba bħal din dwar San Franġisk u s-Sultan ma nistgħux inħallu barra l-ktieb ta' Jan Hoeberichts, li jien nirrakkomandah għall-qari tagħkom. Jien għandi l-verżjoni Taljana tiegħu, li hija din: Jan Hoeberichts, *Francesco e l'Islam*, Padova, edizioni Messaggero, 2002. Il-ktieb oriġinali nkiteb bl-Olandiż, li hu lsien l-awtur, bit-titlu: *Franciscus en de Islam* (1994). Hemm edizzjonijiet tiegħu f'bosta ilsna, fosthom bl-Ingliż: *Francis and Islam*, Quincy Illinois, Franciscan Press, 1997. Dan ta' Hoeberichts huwa ktieb profond u jidħol f'ħafna rqaqat tat-tifsir possibbli tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan, filwaqt li jagħti interpretazzjoni storika partikolari. Jibda, fl-ewwel parti, billi jidħol fil-kuntest storiku, u hawn fuq kollox jikteb dwar il-Knisja taż-Żmien tan-Nofs, li kienet torganizza l-kruċjati biex tirbaħ l-artijiet imqaddsa u tipprova teqred l-Iżlam bl-armi. Imbagħad jgħaddi għall-kuntest letterarju, li fih jagħmel analiżi ta' kapitlu 16 tar-Regola mhux bullata, li fih San Franġisk jagħti direzzjoni lil dawk il-patrijiet li jkunu jixtiequ jmorru qalb is-Saraċini u infidili oħra. Fit-tielet kapitlu tat-tieni parti l-kittieb jgħaddi biex jagħmel eseġeżi ta' kapitlu 16.

Filwaqt li fl-ewwel parti tal-ktieb Hoeberichts iħares lejn San Franġisk u l-ħsieb tiegħu dwar l-Iżlam, fit-tieni parti, li hi aktar interessanti, jitħaddet dwar l-atteġġament ta' Franġisk li għalina llum huwa sfida. Jibda billi juri x'għamel il-Papa San Ġwanni Pawlu II b'risq id-djalogu mal-Iżlam.

Imbagħad jgħaddi biex jgħarbel il-ħidma tal-Federazzjoni tal-Konferenzi Episkopali tal-Asja b'risq id-djalogu ma' reliġjonijiet oħra u l-aktar mal-Iżlam. Fl-aħħar nett il-kittieb jitħaddet dwar l-importanza ta' San Franġisk illum.

Nagħlaq b'silta interessanti mill-ktieb ta' Hoeberichts li fiha juri kemm San Franġisk ma kien jaqbel xejn mal-ispirtu tal-kruċjata, u kif hu u sieħbu marru quddiem is-Sultan bla ma kisbu l-permess minn min kien qed imexxi l-kruċjata:

"Fil-*Historia occidentalis* ta' Ġakbu ta' Vitry, Franġisk dwaru nnifsu jgħid li hu Nisrani meta s-Saraċini saqsewh min hu. F'dik il-qagħda, bit-tweġiba tiegħu stqarr li ma kienx kruċjat. Ħaġa tixbah lil din nistgħu nsibuha wkoll fil-*Kronaka* ta' Ernoul u f'dik ta' Bernard it-Teżorier. L-ewwel nett dawn jgħidu li Franġisk u sieħbu marru għand is-Sultan mingħajr l-approvazzjoni tad-delegat tal-Papa, il-Kardinal Pelagio. Imbagħad jgħidu li Franġisk qal lis-Sultan li hu u sieħbu ma ħadu magħhom ebda messaġġ min-naħa tal-Kardinal Pelagio bħala tweġiba għall-offerta ta' paċi li kien għamel is-Sultan, iżda kienu marru hemm aktarx 'b'messaġġ tal-Mulej Alla' (Ernoul), 'bħala ambaxxaturi ta' Sidna Ġesù Kristu' (Bernard), li skont l-espressjoni li nqeda biha Franġisk fit-Testment tiegħu, kien bagħat lilu u lill-patrijiet tiegħu fid-dinja b'tislima ta' paċi (Test. 27: ff 121). Oppożizzjoni ċara għall-kruċjata tinsab ukoll fit-tagħrif qasir ta' *L-Istorja ta' Eraclio:*

"Fra Franġisk... wasal fil-kamp tal-kruċjata ta' Damietta, għamel ħafna opri tajba u baqa' hemm sakemm il-belt ma kinitx okkupata. Huwa ra li l-ħażen u d-dnub bdew joktru fost in-nies tal-kamp u dan stmellu. Għalhekk huwa telaq mill-kamp." ■






P. ALFRED CALLEJA OFMCONV.



# GĦELUQ IT-8 ĊENTINARJU MIŻ-ŻJARA TA' SAN FRANĠISK LIS-SULTAN TAL-EĠITTU FL-1219 (L-EWWEL PARTI)

## L-ORDNI FRANĠISKAN HUWA ORDNI MISSJUNARJU



Din is-sena l-Ordni Franġiskan qed ifakkar it-800 sena minn meta San Franġisk t'Assisi, fi Frar tas-sena 1219, mar fil-belt ta' Damietta, belt li tinsab fuq waħda mill-fergħat tax-Xmara Nil, fl-Eġittu biex jiltaqa' mas-Sultan al-Malik al-Kamil, is-Sultan li kien jaħkem fuq il-Palestina, l-Art Imqaddsa, il-pajjiż fejn hemm meqjuma s-santwarji mqaddsa ta' Ġesù Kristu. Il-Palestina kienet maħkuma mis-Saraċini. Għalhekk it-tempji mqaddsa kienu f'idejn il-Musulmani u l-Insara tkeċċew 'il barra u ma setgħux imorru jżuruhom u jagħtu l-qima tagħhom. Dan il-fatt qajjem ferment kbir fil-Knisja Kattolika. Il-Knisja ma setgħetx tħalli s-santwarji għeżież tal-Kristjanità f'idejn poplu infidil, f'idejn is-Saraċini.

Kien il-Papa Urbanu II l-ewwel papa li fil-Konċilju ta' Clermont fi Franza fis-sena 1095 talab lis-slaten Insara jingħaqdu flimkien biex imorru bl eżerċti tagħhom jeħilsu l-Art Imqaddsa mill-ħakma ta' Saladin u tas-Saraċini. Is-slaten Insara kollha u l-Insara kollha tad-dinja wieġbu għal din is-sejħa tal-Papa. Għalhekk bdiet il-**gwerra qaddisa** għall-ħelsien ta' dik l-art imbierka. Din kienet l-ewwel kruċjata kontra l-infidili. Din il-gwerra tissejjaħ *'kruċjata'* u 'qaddisa' għaliex kienet gwerra kontra l-ħażin, kontra l-għedewwa ta' Kristu u kontra l profanazzjoni tal-Art Imqaddsa. Il-Knisja Kattolika ħasset li kien dmir tagħha li jkollha fil-ħarsien tagħha l-Art Imqaddsa, ukoll jekk kien meħtieġ li dan isir bi gwerra ħarxa kontra l-ħakkiema Musulmani.

Fiż-żmien tal-Ewwel Kruċjata (1095-1099) San Franġisk kellu biss ħames snin. Id-dinja kollha Nisranija kienet mixgħula u mħeġġa bix-xewqa li tirbaħ lura dik l-art tal-Feddej tagħna, u ħafna kienu dawk li marru jew xtaqu li jmorru jiġġieldu kontra l-għadu ta' Kristu. Qed insemmi l-kruċjati għaliex il-ġrajja taż-żjara ta' San Franġisk f'Damietta quddiem is-Sultan al-Malik saret fi żmien il-*Ħames Kruċjata.*

Sabiex nifhmu sewwa l-ġrajja taż-żjara tal-Fqajjar ta' Assisi fl-Eġittu, irridu l-ewwel nett nifhmu kif u meta bdiet l-ewwel preżenza tal-Franġiskani fl-Orjent. San Franġisk innifsu, sa mill-bidu nett tat-twaqqif tal-Ordni ġdid tiegħu, ried li l-patrijiet ikunu jistgħu jitolbu biex imorru jevanġelizzaw lin-nies barra mill-Italja. F'kelma waħda ried li l-Ordni tiegħu jkun ordni missjunarju mad-dinja kollha. San Franġisk huwa l-fundatur ta' ordni li kiteb regola għall-patrijiet tiegħu. Fil-fatt nafu li San Franġisk kiteb żewġ regoli; l-ewwel waħda li kiteb hija *Regola mhux Bullata*. Din hija regola twila ħafna u qatt ma ġiet approvata mill-awtorità tal-Knisja. It-tieni regola li kiteb, imsejħa *Bullata*, hija regola qasira u definittiva, ta' tnax-il kapitlu, u hija r-regola approvata mill-Knisja, mill-Papa Onorju III. Fiż-żewġ regoli wieħed jara l-ispirtu u l-istil missjunarju li kellu San Franġisk.

Fir-*Regola mhux Bullata* nsibu l-kapitlu numru XVI (16) *dwar dawk li jmorru fost is-Saraċini u infidili oħrajn*. F'kapitlu XVI Franġisku jibgħat lill-patrijiet *"bħal ħrief qalb l-ilpup"* u jsemmi diversi testi oħra mill-Iskrittura mqaddsa. Jitlob li jkunu patrijiet magħżula u mħejjija tajjeb u jitlob li jkunu missjunarji prudenti u għaqlin. Franġisku jagħmel l istess ħsieb u juża l-istess kliem f'kapitlu XII (12) tat-tieni regola, b'differenza biss li dan il-kapitlu huwa ħafna iqsar minn dak tal-ewwel regola. Wieħed jista' jara li Franġisku *fiż-żewġ regoli jirrepeti l-istess kliem u ħsieb, billi jsemmi l-missjoni u jibgħathom fost is-Saraċini u l-infidili*. Nifhmu, mela, li San Franġisk kellu f'qalbu u f'moħħu l-istess sentimenti tal-Knisja ta' żmienu. Nifhmu wkoll li l-qaddis ta' Assisi ried ikun qrib il-Knisja u jgħinha bl-armata ġdida tiegħu. Iżda jidher ċar li ma riedx jieħu sehem fil-gwerer jew kruċjati bl-armi qerrieda, imma bl-armi tal-fidi, tal-imħabba u ta' xhieda ta' ħajja tassew evanġelika.

Kif ktibt aktar 'il fuq, id-dinja Nisranija kienet imħeġġa sewwa biex, bil-modi kollha possibbli, taħdem u tgħin ħalli l-Art Imqaddsa tinħeles mill-ħakma tal-Musulmani. San Franġisk kien jgħix f'dawk iż-żminijiet u kien iħoss fih ukoll li għandu jagħmel xi ħaġa u jagħti sehmu. Iż-żagħżugħ Franġisku, iben ta' familja ta' negozjanti, trabba fl-ispirtu tal-kruċjati u mimli ħeġġa li jkun kavallier, fis-sena 1204, irnexxielu jingħaqad mal-armata tar-Re Jean de Brienne, kap militari tal-Ħames Kruċjata, imsejħa mill-Papa Innoċenz III fil-Konċilju tal-Lateran IV fis-sena 1215. Iżda Franġisk kellu jiġi lura u l-proġett kavalleresk tiegħu spiċċa fix-xejn wara l-ħolma li kellu fi Spoleto u l-konverżjoni tiegħu.

L-istorja tal-Ordni Franġiskan titkellem fuq il-firxa tal-Ordni tal-Minuri fiż-żmien stess li kien jgħix il-fundatur. Il-patrijiet kienu jafu bix xewqa missjunarja ta' San Franġisk. L-Ordni nfirex ġmielu u f'qasir żmien fl-Italja kollha. L-Ordni kellu numru kbir ta' patrijiet. San Franġisk innifsu ħass li wasal iż-żmien li l-Ordni jkompli jinfirex 'il barra mill-Italja. Fl-14 ta' Mejju 1217, jum il-festa ta' Għid il-Ħamsin (Pentekoste), huwa sejjaħ u mexxa kapitlu ġenerali biex isiru fundazzjonijiet ta' diversi provinċji jew fraternitajiet barra mill-Italja. Hija drawwa li l-Ordni Franġiskan ilaqqa' laqgħat kapitulari importanti tiegħu fil-festa ta' Għid il-Ħamsin. F'dan il-kapitlu San Franġisk ta l-ewwel xejra missjunarja lill-Ordni tiegħu. Fost il-ħafna provinċji ġodda huwa ried li tinfetaħ waħda fl-Orjent, jew kif isejħulha l-istoriċi Franġiskani, il-provinċja ta' Outremer (artijiet lil hinn mill-baħar) jew tas-Sirja, jiġifieri Kostantinopli, il-Greċja, l-Asja Minuri, Antijokja, is-Sirja, il-Palestina, Ċipru, l-Eġittu u l-kumplament tal-Lvant Nofsani.

Hu nnifsu, imqanqal u mħeġġeġ minn spirtu ta' mħabba divina li kellu lejn Ġesù Kristu, xtaq li jkun hu l-ewwel wieħed li jmur f'din il-provinċja fost is-Saraċini jew l-infidili. Hu kellu x-xewqa li jmut martri għall-imħabba ta' Kristu. Iżda l-Kardinal Ugolino, il-protettur tal-Ordni u ħabib personali tiegħu, il-futur Papa Girgor IX, ma ħalliehx imur. Nafu li ministru provinċjal tal-provinċja tal-Orjent intgħażel P. Elija ta' Cortona, reliġjuż importanti ħafna fl-Ordni Franġiskan. L-ewwel kunvent infetaħ fil-belt ta' Akri, belt li fiha kienu jgħixu s-suldati Nsara tal-kruċjata, fuq il-kosta tal Palestina.

Fl-artiklu li jmiss nikteb fuq iż-żjara ta' San Franġisk f'Damietta fl-Eġittu. Insemmi l-istorja tal-Knisja f'dak il-perjodu ta' żmien u dak kollu li sar f'dan il-vjaġġ. Naraw ukoll x'tifsira kellu fid-dinja ta' żmienu u nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-effett ekumeniku fi żmienna. ■



# IL-PATRI LI TA ĦIDMA BĦALA GĦALLIEM U FIL-FORMAZZJONI IMMA FUQ KOLLOX KIEN ĦABIB TAL-MORDA U L-ANZJANI

*Intervista magħmula minn Fr Philip Cutajar OFMCap lis-Sur Nazju Abela, li jiġi ħu Ħuna Patri Frans Abela Giusti, li daħal fil-ħajja ta' dejjem nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2019.*



***Fr Philip: Ħabib, l-ewwel nett nixtieq nirringrazzjak li aċċettajt li nagħmillek din l-intervista dwar ħuk, il-mibki Ħuna Patri Frans. Nixtieqek tibda billi tgħidilna xi ħaġa dwar tfulitu u ż-żgħożija tiegħu sakemm iddeċieda li jidħol magħna l-Kapuċċini.***

***Nazju:*** Ħija Frans twieled Bormla fil-5 ta' Diċembru 1933. Il-ġenituri tagħna jisimhom Fortunatu u Ġużeppa xebba Giusti. Aħna familja mdaqqsa ta' sebat aħwa: Salvinu, Mary, Karmena, Patri Frans, Theresa, Lina u jiena ż-żgħir, Nazju. Minħabba l-periklu tal-gwerra, speċjalment bl-attakki mill-ajru fuq il-Kottonera, imdawra kif kienet bid-Dockyard navali, fl-1940, flimkien mal-familja tiegħu, Frans ġie joqgħod Ħaż-Żebbuġ ma' eluf ta' refuġjati mit-tlitt ibliet. Sakemm spiċċat il-gwerra l-familja tiegħu kienu joqogħdu ma' diversi familji oħra Żebbuġin f'naħat differenti tar-raħal. Konna biddilna d-dar madwar erba' darbiet. Fil-fatt huwa kien laħaq għamel l-ewwel tqarbina f'Bormla imma s-sagrament tal-griżma tal-isqof irċivieh f'Ħaż-Żebbuġ.

Huwa attenda l-iskola primarja ta' Bormla u Ħaż-Żebbuġ imbagħad St Michael's School (tas-Soċjetà tal-MUSEUM) fil-Marsa, minn fejn għamel l-eżami u daħal apprentista d-Dockyard bħala electrical fitter bejn is-snin 1948-52. Din is-sengħa ta' electrician swietlu ħafna meta 'l quddiem kellu jkun strumentali meta l-Kapuċċini, fis-snin 1955-56, kienu daħħlu l-elettriku fil-kunvent tal-Furjana. Ix-xogħol kien f'idejh.

F'dan iż-żmien huwa kien membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM u sakemm laħaq soċju kien diġà mħajjar biex jidħol patri mal-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Huwa jgħid kif fit-Tarzna kien iltaqa' ma' ċertu



*Ritratt tal-familja ma' Patri Frans dakinhar tal-ewwel quddiesa solenni tiegħu. Mix-xellug għal-lemin: Carmen, Nazju ż-żgħir, Mary (mietet fl-1975), Fortunato l-missier (miet fl-1975), Patri Frans, Ġużeppa l-omm (mietet fl-1979), Salvinu l-kbir (miet fl-1986) u Tessie. Nieqsa mir-ritratt Lina.*



*Nazju, ħu Patri Frans, qiegħed ibus l-idejn ikkonsagrati ta' ħuh. Miegħu jidhru Luckie, dak iż-żmien l-għarusa ta' Nazju, u ommha Karmena.*

Ċikku Borg Bonaci mill-Belt Valletta. Dan, meta sar jaf sewwa lil ħija Frans, kien qallu: "Int li qiegħed hawn ħaddiem it-Tarzna, żbaljajt it-triq. Postok mhux hawn imma reliġjuż, ħalli tagħmel ħafna ġid!" Peress li ma kellux skola sekondarja huwa kien imur jieħu l-lezzjonijiet tat-Taljan u l-Latin fl-iskola serafika li kellhom dak iż-żmien il-Kapuċċini bejn il-kappella ta' Lourdes u l-istess kunvent. Hawnhekk kien għenu ħafna Patri Lawrenz Ceci minn Bormla.

***Fr Philip: Fis-sena 1952 Patri Frans ta bidu għas-sena tan-novizzjat tiegħu. X'tiftakar dwar dan?***

***Nazju:*** Ħija Frans beda n-novizzjat fil-kunvent t'Għawdex f'Jannar 1952, fl-età ta' 19-il sena. Fil-jum tal-vestizzjoni, meta kienu jingħataw il-laptu Kapuċċin, kien bard u maltemp kbir. Il-baħar ried jibla' l-art u l-vapur t'Għawdex, il-*Banċinu*, ma kienx se jaħdem. Minn Malta mal-vapur tas-6.00 ta' filgħodu konna biss it-8 familji tat 8 novizzi ġodda li kienu se jingħaqdu mal-Ordni Franġiskan dakinhar. Wasalna l-Imġarr wara vjaġġ ta' aktar minn siegħa, imbagħad bil-karozza tal-linja sar-Rabat għajjenin u mkissrin. Iżda mbagħad ħarġet ġurnata sabiħa u gawdejna ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni fil-knisja ħelwa ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. F'nofsinhar ħriġna l-familji kollha fuq iz-zuntier nieklu dik ix-xi ħaġa li konna ġibna magħna. Niftakar li lil ħija kienu tawh l-isem ta' Fra Ġilormu minn Bormla, li aktar tard, meta ġiet l-għażla li jistgħu jibdlu l-isem, kien reġa' ħa l-isem tal-magħmudija u sar Patri Frans. Niftakar li l-mastru tiegħu kien Patri Alessandru mill-Furjana.

Hekk kif spiċċa s-sena tan-novizzjat għamel l-ewwel professjoni tiegħu fl-istess kunvent ta' Għawdex. Niftakar li meta ġle Malta mlnn Għawdex u kien student fil-kunvent tal-Furjana, jien kont noħodlu l-ħwejjeġ nodfa kull ħmistax, nhar ta' Sibt. Niftakar ukoll il-ġranet tal-parlatorju, meta l-familja kollha konna mmorru narawh il-kunvent u kulħadd idur miegħu u kulħadd irid ikellmu. Qed nitkellmu fuq aktar minn 56 sena ilu. Huwa ċċelebra l-professjoni perpetwa tiegħu wara tliet snin fi żmien il-Provinċjal Patri Pietru mill-Furjana.

***Fr Philip: Issa nitolbok tirrakkontalna t-tifkiriet tiegħek tal-jum sabiħ tal-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. X'tiftakar dwar dan?***



*Patri Frans ma' ħuh Nazju u l-mara tiegħu Luckie dakinhar li hu għammed liċ-ċkejkna tagħhom Celine fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ fi Frar 1977. Fir-ritratt jidhru wkoll Mons. Lawrenz Cachia, Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, u Mons. Dun Charles tal-Moviment ta' Kana.*



*Patri Frans kuntent man-neputijiet tiegħu fil-bitħa tad-dar ta' Nazju fil-party tal-preċett ta' Celine. L-ewwel neputi fir ritratt huwa Renè Mario, li fil quddiesa tal-funeral għamel l-omelija.*

**Nazju:** Niftakar sewwa meta ħija Patri Frans ħa l-quddiesa. Dan kien fis-sena taċ-ċentinarju Pawlin, l-1960. Għall-ordinazzjoni solenni li saret nhar it-2 t'April, fost il-ħafna saċerdoti, sew djoċesani kif ukoll numru ġmielu minn ordnijiet reliġjużi, kien hemm 7 mill-ordni tal-Kapuċċini. Dawn kienu rċivew is-sagrament tal-ordni sagri minn idejn l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emanuel Galea. Niftakar li l-ewwel quddiesa solenni li ħija kien iċċelebra kienet nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana. Il-quddiesa kienet bl-orkestra u bil-kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia, u peress li jien kont membru tal-kor, kont ħadt sehem ukoll magħhom.

***Fr Philip: Żgur li tiftakar li ħuk, flimkien ma' sħabu għadhom studenti Kapuċċini, kien mar jagħmel l-istudju tat-Teoloġija fl-Irlanda. U ninsab ċert li magħkom bħala familjari tiegħu kien jitkellem dwar din l-esperjenza tiegħu. X'taf fuq dan iż-żmien ta' Patri Frans fl-Irlanda?***

**Nazju:** Din kienet, kif kien iħobb isejħilha hu, l-avventura ta' Donegal fl-Irlanda. Fil-ħamsinijiet kienet saret drawwa (kieku llum konna nsejħulha 'craze') li l-ordnijiet reliġjużi kollha ta' Malta jibagħtu lill-istudenti jew lis-saċerdoti novelli tagħhom ikomplu "jistudjaw" barra minn Malta. Minn jintbagħat Ruma, min Franza, min fl-Istati Uniti, eċċ. Il-Kapuċċini ivvintaw l-Irlanda. Mhux fil-kapitali Dublin jew xi belt oħra kbira, imma fit-tarf nett tal-Irlanda, f'kunvent li kellhom il-Kapuċċini Irlandiżi f'Donegal Bay. Hawnhekk il-Kapuċċini kellhom bħal kulleġġ internazzjonali li fih kien hemm studenti ġejjin mhux biss minn Malta imma wkoll Spanja, l-Italja, minn Franza u pajjiżi oħra, fejn l-istudenti kienu japprofittaw mill-preżenza tagħhom fl-Irlanda sabiex fl-istess waqt jistudjaw il-lingwa tal-Ingliż.

Ħija Patri Frans flimkien ma' tlieta minn sħabu kienu telqu lejn l-Irlanda u waslu hemmhekk f'Settembru tas-sena 1956. Huwa kien qalli li l-kunvent kien diversi kilometri 'l bogħod mill-aħħar villaġġ. Fix-xitwa kulħadd iterter bil-bard. Għalkemm il-post kien f'xenarju mill-isbaħ, il-klima xejn ma kienet ħanina ma' dawn iż-żgħażagħ Maltin. Ħija Frans kien l-ewwel wieħed li marad u kellu jinġieb lura Malta. L-oħrajn wara tliet snin reġgħu sabu ruħhom fil-kunventi sbieħ, arjużi u ta' klima ħanina f'Malta. Kienet avventura li jkolli ngħid anki l-provinċja tgħallmet ħafna minnha.

***Fr Philip: Inkun qed ngħid sewwa meta nistqarr li għalkemm ħuk Patri Frans mar joqgħod Ħaż-Żebbuġ fl-età ta' 7 snin, qalbu baqgħet f'Bormla bi mħabba kbira lejn il-Kunċizzjoni?***

**Nazju:** Iva, sewwa qed tgħid. Il-festa tal-Kunċizzjoni kien iħobbha wisq. Bħal kull Bormliż, fejn jista' ma kienx ifalli okkażjoni waħda. Mhux l-ewwel darba li kien jattendi għal xi waħda min-novena, imma żgur li ma kienx ifalli l-quddiesa tal-paniġierku. Niftakru dejjem iqum kmieni u jmur jikkonċelebra ma' diversi saċerdoti u patrijiet oħra Bormliżi l-quddiesa tat-8.00 dakinhar tal-festa filgħodu. Huwa baqa' jiftakar meta inti, Fr Philip, kont għamilt għal darbtejn in-novena u darb'oħra l-paniġierku tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Tgħidx kemm faħħrek! L-hena tiegħu kienet meta n-novena jew il-paniġierku kien jagħmilhom xi Kapuċċin.

Sadattant jien kont immur Bormla lejn l-aħħar ta' dil-quddiesa ħalli appena jiċċaqalqu n-nies tal-quddiesa tat-8.00 ta' filgħodu nkun pront nikkapparra żewġ siġġijiet, li wieħed minnhom kont inżommu għalih biex wara li jieħu kikkra kafè jiġi jsib il-post lest biex nisimgħu l-quddiesa l-kbira ta' Carlo Diacono, imbagħad il-predikatur li jinseġ il-paniġierku. Wara kont inwasslu l-kunvent u fil-karozza konna nagħmlu kritika tal-paniġierku li nkunu smajna.

***Fr Philip: Kellu rabtiet mal-familja tagħkom, aktar u aktar issa li sar saċerdot?***

Nista' ngħid li ż-żwiġijiet u



*Ritratt għażiż ta' Patri Frans ma' ommu Ġużeppa.*
*Ritratt meħud snin qabel l-ordinazzjoni tiegħu.*

l-magħmudijiet fil-familji tagħna kienu kollha f'idejh. Peress li ħija Frans kien l-uniku saċerdot li kellna fil-familja għal ħafna snin, bosta kuġini kienu jqabbdu lilu biex iżewwiġhom jew inkella jgħammdilhom 'l uliedhom. Imbagħad kien l-għors tiegħu jingħaqad magħhom soċjalment għar-riċeviment ta' wara.

Kien ukoll jieħu ħsieb idur regolarment il-morda tal-familja u jqarben lil dawk fi djarhom li ma setgħux joħorġu biex imorru l-knisja.

***Fr Philip: X'tifkiriet għandek dwar iż-żmien li ħuk P. Frans kien għadda f'Perugia?***

***Nazju:*** Ħija kien għadda kważi sena sħiħa fl-Università ta' Perugia, l-Italja biex jipperfezzjona l-lingwa Taljana. Hemmhekk għamel diversi ħbieb, sew Taljani u anki Maltin. Fost dawn tal-aħħar kien sar ħabib kbir ta' Patri Mahoney mill-Ordni Karmelitan, li kien preżenti u kkonċelebra l-quddiesa tal-funeral tiegħu.

***Fr Philip: Nistgħu ngħidu li Patri Frans kien bniedem sportiv u kellu wkoll it-tim tal-futbol preferit tiegħu?***

***Nazju:*** Iva, sewwa qed tgħid. Patri Frans kien akkanit kbir tal-futbol Taljan u b'mod partikolari tal-Juventus. Kien jirrakkontali li kien hemm patrijiet oħra li jżommu mal-Ingliżi li wara xi telfa tat-Taljani kienu joqogħdu jinkuh, sintendi b'mod leġġer u ċajtier. Ħafna drabi d-diskorsi ta' bejnietna kienu dejjem jispiċċaw fuq din in-nota sportiva u niċċelebraw wara xi rebħa u nagħmlu l-pronostiċi tagħna għal xi partita iebsa li tkun waslet.

***Fr Philip: Kif ħadtha l-aħbar tal-mewt tiegħu?***

***Nazju:*** Kien għadu kmieni filgħodu meta ċemplitli oħti Carmen biex tgħarrafni li ħija kien wasal fl-aħħar. Sakemm wasalt id-Dar tal-Kleru, fejn kien rikoverat għal diversi xhur, ħija Frans laħaq miet. Kien l-Erbgħa 3 ta' Lulju f'xi s-7.30 ta' filgħodu. Malli nasal insib lil ħija mimdud mejjet fuq is-sodda tiegħu, imlibbes il-laptu ta' Kapuċċin. Kellu 85 sena.

Il-funeral, organizzat b'mod tant dinjituż mill-Ordni Kapuċċin, sar



*Dan huwa ritratt meħud fis-sena 1950 meta Patri Frans Abela Giusti kien għad kellu 17-il-sena. Hawn qiegħed fil-bitħa tal-Mużew ta' Ħaż-Żebbug. Jidher fin-nofs tal-grupp qed iżomm il-bandlora f'idejh, bilqiegħda fuq il-ħorża tal-bir.*



Ritratt ta' l-Ewwel Tqarbina li
saret fil-Parroċċa Arċipretali
ta' Ħaż-Żebbug fis-sena 1950.
In-numru ta' tfal kien 107 subien.
Dan ir-ritratt ġie meħud fil-
bitħa tal-Museum wara li kienu
tqarbnu.



fil-knisja tal-patrijiet Kapuċċini fil-Furjana. Il-prim ċelebrant kien il-W. Rev. Patri Effie Mallia, Ministru Provinċjal, li kien għadu kemm ġie kkonfermat fil-kariga l-ġurnata ta' qabel. Kienet konċelebrazzjoni flimkien ma' madwar 25 saċerdot ieħor, l-aktar patrijiet sħabu fosthom Mons. Pawlu Darmanin OFMCap., Isqof Emeritu ta' Garissa fil-Kenja. Ħa sehem ukoll Dun Daniel Cardona, Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, peress li ħija kull sena fl-istaġun tas-sajf kien jiġi jqatta' ġimagħtejn għand oħti l-kbira u kien iqaddes fil-parroċċa. Kulħadd apprezza l-preżenza tal-morda u l-anzjani li ġabuhom għall-funeral mill-Imtarfa Home fejn P. Frans għadda 14-il sena bħala kappillan. Kien ġest sabiħ li anke l-Ministru Provinċjal fl-aħħar tal-quddiesa faħħar din l-inizjattiva u rringrazzja lill-istaff li wettqu dan l-għemil ta' rispett u rikonoxxenza.

L-Evanġelju li nqara kien dak ta' San Mattew, kapitlu 25, li jitkellem dwar l-opri tal-ħniena li fuqhom ser niġu ġġudikati. Żgur li din is-silta ġiet magħżula b'relazzjoni mal-ħidma li Patri Frans wettaq mal-morda f'diversi sptarijiet, fosthom il-Blue Sisters, fejn dam 6 snin; l-Isptar San Luqa, fejn għamel 3 snin; u dan l-aħħar fir-residenza għall-anzjani fl-Imtarfa, fejn għadda 14-il sena. B'kollox ħidma ta' 23 sena mal-morda u l-anzjani. Huwa wkoll kien għal 8 snin sħaħ direttur tal-istudenti fil-kunvent tal-Kalkara bejn is-snin 1961-69, u anke gwardjan kemm fil-kunvent ta' San Ġwann u aktar tard f'dak ta' Sant'Antnin f'Għajn Dwieli. Kien ukoll direttur kemm lokali kif ukoll nazzjonali tal-OFS. Għal xi żmien kien għalliem tat-Taljan fl-iskola Stella Maris, il-Gżira. Ma' dawn ma kienx joqgħod lura milli jwettaq ħidmiet oħra ta' pastorali, fosthom il-predikazzjoni tal-eżerċizzi mqaddsa fir-Randan, konfessur tas-sorijiet klawsura ta' San Benedittu fil-Birgu u anke viċi kappillan fil-parroċċa tal-Marsa t-Trinità Qaddisa.



P. Frans jistqarr li l-isbaħ żmien ta' ħajtu kien meta ħadem mal-morda fl-isptarijiet. L-għaxqa tiegħu kienet tkun meta jagħti għajnuna spiritwali u pastorali lill-anzjani u lill-morda, meta jagħmilhom ferħanin, isolvilhom il-problemi, kemm tagħhom kif ukoll tal-familjari tagħhom. Huwa kien tal-fehma li l-Kapuċċini għandhom jgħożżu din il-ħidma mal-morda, ghax huwa kien jemmen li l-figura tal-Kapuċċin fl-isptarijiet għadha mfittxija u meħtieġa. Hija apprezzata kemm mill-morda kif ukoll mill-familjari tagħhom.

L-omelija saret minn P. Renè Mario Micallef SJ, in-neputi tiegħu li ġie apposta minn Ruma għall-okkażjoni. Huwa bena l-ħsieb tiegħu fuq Salm 23: "Il-Mulej huwa r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni." Huwa fisser kif il-ħidma prinċipali ta' Patri Frans kienet bħala ragħaj li jwassal lil tant morda u anzjani sabiex jidħlu jgħammru fid-dar tal-Mulej; jiġifieri l-passaġġ minn din id-dinja għall-eternità b'mewta tajba.

Nhar is-Sibt 6 ta' Lulju, waqt il-quddiesa tal-funeral fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana, ma stajtx ma niftakarx f'dik il-ġurnata ta' ferħ f'Mejju 1960 meta qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu, u f'ġurnata oħra 50 sena wara meta fl-2010, flimkien ma' patrijiet oħra, kien iċċelebra l-50 sena mill-ordinazzjoni tiegħu proprju f'din l-istess knisja.

Kont edifikat ħafna bir-rit tad-dfin fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, fejn sħabu akkumpanjaw it-tebut tiegħu bil-kant tas-salmi sal-qabar u sal-mument tal-aħħar tberik u d-difna. ■

PHILIP SAID



# LEJN IL-KANONIZZAZZJONI TAL-BEATU JOHN HENRY NEWMAN (1801-1890)

## L-EWWEL PARTI



1. Fortunatament, minkejja l-popolarità tal-mezzi ta' komunikazzjoni diġitali, l-aqwa fosthom l-internet, il-ktieb għadu apprezzat u mfittex minn ħafna fostna. Għax "il-ktieb ma joħodlu postu ħadd," qalli żmien ilu l-Professur Dun Karm Sant, studjuż kbir tal-Kotba Mqaddsa u l-ilsna Semitiċi, l-aktar fosthom il-Malti. Bħala parentesi nżid li Dun Karm Sant kien l-ewwel studjuż f'Malta li tkellem fuq il-ħarsien tal-ambjent mill-perspettiva biblika u teoloġika. 'L-Ekoloġija fid-Dawl tar-Rivelazzjoni' kienet it-tema tal-orazzjoni akkademika li kien mistieden jagħmel fl-ewwel gradwazzjoni tal-korsijiet tat-Teoloġija u x-Xjenzi Umanistiċi, lejn l-aħħar tas-sebgħinijiet, meta l-Fakultà tat-Teoloġija kellha tiġi trasferita mill-Università għas-Seminarju f'Tal-Virtù. Il-paper ta' Sant ġiet stampata u ċirkulata mal-mistednin. Nixtieq li terġa' tiġi f'idejja biex nerġa' nistudjaha u naqsamha mal-oħrajn. Nissogra ngħid li personalment naraha bħala prekursur ta' *Laudato Si'.* U la qed insemmi l-ktieb u l-qari ta' materjal miktub, qed nifhem dak li għandu xi ħaġa ġdida x'jgħallmek, li jerfagħlek ħsiebek 'il fuq int u tirrifletti, dak li jisfidak u jqanqlek tkompli tfittex u taqra.

2. Dejjem fittixt kotba u artikli fuq suġġetti umanistiċi. Dan l-aħħar qed infittex l-aktar suġġetti ta' riflessjoni u riċerka teoloġika. L-aħbar fil-ħarġa ta' *Jesus Caritas* – rivista tal-fraternitajiet tal-Beatu Charles De Foucauld (Jannar/Marzu 2019, pġ. 10) – li fit-13 ta' Frar li għadda l-Papa Franġisku kien approva li l-Beatu John Henry Newman ikun magħdud mal-qaddisin fakkritni fil-poema magħrufa ta' Newman, *Dream of Gerontius.* Kont smajt biha l-ewwel darba mingħand l-Avukat Ġorġ Zammit fil-lezzjonijiet tal-letteratura Taljana fis-snin tas-Seminarju Minuri, il-Furjana (1956-1962). Qrajt b'aktar ħsieb din l-akbar poeżija ta' Newman, komposta fl-1865, għoxrin sena wara li kkonverta mill-Knisja Anglikana u sar membru tal-Knisja Kattolika. B'għażla bil-għaqal ta' kliem sempliċi li jista' jifhmu kulħadd u minsuġa b'versi qosra mexxejja, *Dream of Gerontius* tieħdok fuq vjaġġ spiritwali li jesprimi poetikament id-duttrina Kattolika fundamentali dwar il-ħolqien, ir-redenzjoni u l-eskatoloġija jew l-aħħar żminijiet bejn il-ħajja fuq l-art, il-passaġġ għall-eternità bil-firda tal-mewt, u l-għaqda kompleta ma' Alla fil-ġenna.

Tħossok sorpriż kif mis-sempliċità tal-kelma u l-versi ritmiċi Newman jirnexxilu jesprimi veritajiet għoljin fir-rivelazzjoni. Għax għan-nies ta'

għerf spiritwali kbir hu proprju fis-sempliċità li ssib il-kobor tal-ħsieb. Minn *Dream of Gerontius* nisiltu xi osservazzjonijiet teoloġiċi li juru żviluppi importanti fid-duttrina Kattolika tas-seklu 19. Nistgħu niġbruhom fi tliet kategoriji ġenerali: l-antropoloġija u l-Kristoloġija (is-salvazzjoni tal-bniedem permezz ta' Ġesù Kristu), iż-żmien u l-eternità, u r-relazzjoni bejn il-ġustizzja u l-ħniena ta' Alla.

## 3.1 ANTROPOLOĠIJA KRISTJANA

*Dream of Gerontius* tiftaħ b'osservazzjoni sabiħa fuq il-ħolqien, is-sejħa tal-bniedem għall-qdusija u l-waqgħa, u r-redenzjoni. Tasserixxi li l-bniedem hu kreatura f'relazzjoni ma' Alla l-Ħallieq. Waqt li jagħraf l-għerf u l-imħabba infinita ta' Alla Ħallieq flimkien mal-qima tal-anġli u l-qaddisin, il-bniedem jintebaħ bil-limitazzjonijiet u d-dipendenza tiegħu bħala kreatura. Aktar minn karattri letterarji, l-anġli u l-qaddisin huma ppreżentati bħala qaddejja u interċessuri fir-realtà spiritwali u sagramentali tal-Knisja bħala xirka tal-qaddisin.

Il-viżjoni Kristoloġika hi ċċentrata fuq il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu bħala l-miżura tal-imħabba u l-ħniena t'Alla. Huma l-punt ta' referenza biex il-bniedem jifhem il-gravità tal-waqgħa u l-ħtieġa tal-maħfra. Kristu hu r-Redentur waħdieni – il-Ġust, l-Għaref u l-Ħanin. Hu t-tieni Adam li għadda mit-tbatija biex jiksbilna ħelsien u riġenerazzjoni fl-imħabba bla qies ta' Alla Trinità. Ukoll fl-istat ta' purifikazzjoni temporali, il-bniedem, imdawwal minn Alla, jagħraf li s-sagrifiċċju redentiv ta' Kristu hu akbar mill-firda u l-uġigħ ta' telfa għal żmien definit.

## 3.2 ŻMIEN U ETERNITÀ

Hu permezz taż-żmien li nidħlu fl-eternità. Bejniethom hemm żmien ta' purifikazzjoni li Newman isejjaħ 'stat intermedjarju ta' purifikazzjoni', jew kif nafuh komunement, 'il-purgatorju'. Hu stadju determinat biż-żmien fit-triq lejn l-unjoni sħiħa ma' Alla fil-ġenna. Jinftiehem fid-dawl tal-inkarnazzjoni, is-salvazzjoni u l-ġudizzju personali. Żmien il-purifikazzjoni hu t-tpattija tad-dejn li nħallu warajna b'ħajja imperfetta, iżda paċi m'Alla. Hi u riesqa lejn it-Tron tal-Ġudizzju ta' Kristu Redentur, ruħ il-bniedem, li għadha fiż-żmien u mdawla mid-dawl tal-fidwa, tagħraf id-dejn tagħha u tintuwixxi li l-aħjar post li tista' tittama għalih fiċ-ċirkustanzi partikolari tagħha hu dan l-imkien intermedjarju ta' tisfija. Iċ-ċertezza li wara ż-żmien determinat se tasal biex tiltaqa' m'Alla fil-ġenna tbiddel l-uġigħ tal-firda f'tama ta' ħelsien u hena. It-twemmin ta' Newman fit-talb ta' interċessjoni għal dawk fi stat ta' purifikazzjoni hu espress poetikament fix-xenarju liturġiku tal-poema li fiha l-komunità ekkleżjali li tagħha hu membru Ġeronzju, mal-Madonna u l-qaddisin, tirrakkomanda 'l ruħu lil Alla. It-talb tal-Knisja hu l-aqwa sostenn u serħan tal-bniedem-pellegrin miż-żmien għall-eternità. Mhix nieqsa mill-poema l-perspettiva psikoloġika tal-ħajja u l-mewt, li jieħdu tifsira aktar realistika fid-dawl tal-Kristoloġija, is-salvazzjoni u d-Dehra Beatifika fl-eternità.

## 3.3 ID-DEHRA BEATIFIKA

L-istennija ta' sħubija sħiħa ma' Alla fid-Dehra Beatifika ma teskludix l-uġigħ tal-firda. Iżda lanqas teskludi l-ferħ u t-tama li ġġib magħha. Il-poema turi dan is-sodisfazzjon bl-Alleluia tal-anġlu kustodju ta' Ġeronzju, li wettaq il-missjoni tiegħu li jwasslu sal-port tal-hena eterna. Fi kliem l-anġlu (liberament tradott għall-Malti),

> *"Ix-xogħol tiegħi issa komplut huwa, u l-missjoni tiegħi wettaqtha sal-aħħar; għalhekk issa ġejt hawn, maġenbek,biex, idek f'idi, naslu flimkien sad-Dar ta' dawk mifdija, fejn il-kuruna tar-rebħa tistenniek qiegħda, kuruna li sewwa tiġik, tixraqlek, tistħoqqlok, issa mhux għal żmien li jgħaddi, imma għall-eternità.*
>
> *Alleluia! Għal dejjem!"*

Il-passaġġ miż-żmien għall-eternità għandu jkun wieħed seren, bla biża', fiċ-ċertezza tal-fidi li hemm l-imħabba ta' Alla tistenniek. Din is-serenità hi l-ewwel rigal tas-salvazzjoni definittiva fil-Viżjoni Beatifika, fil-kliem u s-sens li *"That calm and joy uprising in thy soul is first-fruit to thee of thy recompense, and heaven begun."*

Serenità mibnija fuq iċ-ċertezza li fuq it-Tron tal-Ġudizzju hemm rikonċiljazzjoni perfetta bejn il-ġustizzja u l-ħniena ta' Mħallef Ġust, Għaref u Ħanin bla qies.

*Dream of Gerontius* ta' Newman tidher bħala eku tal-ħsibijiet spiritwali fil-poema bl-istess tema tal-qaddisa mistika Katerina ta' Ġenova. ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



*IS-SETTE GIUGNO*



# IS-SETTE GIUGNO - META D-DEMM MALTI ĠERA FIT-TOROQ TAL-BELT VALLETTA (8)




## ID-DIFNA TAL-VITTMI

Meta l-Maltin sabu l-iġsma ta' Wenzu Dyer, Ġużè Bajada u Manuel Attard mal-art, ittieħdu fl-Isptar Ċentrali fil-Furjana. Manuel Attard kien minn Tas-Sliema waqt li Ġużè Bajada kien mix-Xagħra. Wenzu Dyer kien mill-Birgu.

Jumejn wara sarilhom il-funeral. Dan sar waranofsinhar. It-talba tal-funeral tmexxiet mill-Isqof Awżiljarju Monsinjur Angelo Portelli. Akkumpanjahom l-Arċipriet tal-Furjana Dun Francesco Mallia mill-Isptar Ċentrali, li kien il-Furjana, saċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Min wasal l-isptar ferut kien ikkonfortat bil-griżma tal-morda. Billi dawn il-vittmi ġew ikkunsidrati bħala eroj nazzjonali, fil-funeral ħadu sehem folla kbira ta' nies.

## L-ARĊIPRIET

L-Arċipriet tal-Furjana niżżel ir-rapport tal-mewt tagħhom fir-reġistru tal-mejtin. Grazzi għal dan ir-rapport sirna nafu xi ħaġa fuq dawn il-vittmi. Ser naraw x'kiteb l-Arċipriet dwar wieħed minn dawn il-vittmi – Wenzu Dyer. Lawrenz kien iben Neriku Dyer u Ewfemia Galea. Meta nqatel kien għadu żgħir; kellu biss 17-il sena. Kien għadu ġuvni. Hu twieled u kien jgħix il-Birgu. L-Arċipriet, meta kiteb ir-rapport tiegħu, qagħad attent ħafna biex ma jurix li kien maħkum minn sentimenti emozzjonali u nazzjonalistiċi. Hu kiteb li Wenzu Dyer wieġeb għas-sejħa tad-drittijiet indifiżi tal-antenanti tiegħu. L-Arċipriet, fil-ġenb, taħt ismu, niżżel il-kawża tal-mewt tiegħu. Hu kiteb li miet permezz ta' ferita li ġarrab f'rasu minn arma tan-nar. Din l-arma kienet azzarin tas-suldat Ingliż tar-Reġiment West Yorkshire. L-Arċipriet jagħti aktar dettalji dwar il-qtil tiegħu. Hu jgħid ċar u tond li nqatel fl-aqwa pjazza tal-Belt Valletta – Pjazza San Ġorġ.

## KARMENU ABELA

Karmenu Abela, li kien mill-Belt Valletta, intlaqat matul it-tienI Jum tal-IrvellIJlet, JIġIfIerI fit-8 ta' Ġunju 1919. Karmenu tilef ħajtu wara li suldat nifidlu żaqqu b'bajjunetta. Skont Ġeraldu Azzopardi, li kiteb fil-ġurnal l-*orrizont* tal-15 ta' Ġunju 1970, Karmenu Abela ttieħed l-Isptar Ċentrali fil-




**Referenzi:**
Holland N., "Is-Sette Giugno, il-Floriana u l-parroċċa ta' San Publju', *Festa San Publju, il-Furjana,* 2005"

Furjana. Hemm miet tmint ijiem wara, sewwasew fis-16 ta' Ġunju.

A.Scicluna Sorge, li ħareġ ktieb għaxar snin wara l-irvellijiet tas-7 u tat-8 ta' Ġunju 1919, jgħidilna li l-vittmi ma kinux biss erbgħa iżda sitta. Dawn mietu mill-feriti li ġarrbu fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Illum grazzi għar-riċerka li kien għamel Dione Borg sirna nafu li l-ismijiet ta' dawn iż-żewġ vittmi huma: Francesco Darmanin u Antonio Cassano. Xejn ma nafu fuq il-ħajja ta' dawn il-vittmi. Nittama li dawn l-ismijiet jitniżżlu mal-erba' ismijiet tal-vittmi l-oħra fuq il-pedestall tal-monument tas-Sette Giugno li jinsab f'Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta. ■

# JUM IL-MISSJONI Kapuċċini



**NHAR IS-SIBT 9 TA' NOVEMBRU 2019**
FIL-KNISA TAS-SALIB IMQADDES
TAL-KAPUĊĊINI - FIL-FURJANA
FIS-6.00 TA' FILGĦAXIJA

**IKUN HEMM IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIESA LI TGĦODD GĦALL-PREĊETT TAL-ĦADD. NILTAQGĦU FLIMKIEN SABIEX FLIMKIEN INRODDU ĦAJR LIL ALLA U NITOLBU GĦALL-MISSJUNARJI U L-MISSJONIJIET**

*L-Aħwa Kapuċċini kollha speċjalment il-missjunarji u ex missjunarji Kapuċċini, missjunarji lajċi, familjari tal-missjunarji ħajjin u mejtin flimkien mal-ħbieb u benefatturi kollha tal-missjoni tagħna fil-Kenja huma mistiedna.*

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# L-EWWEL KOMUNITÀ KONTEMPLATTIVA TAS-SORIJIET LI TILQA' TFAJLIET BID-DOWN SYNDROME

## IL-BIDU TAL-ISTORJA

L-istorja bdiet fl-1985 fi Franza, mhux 'il bogħod minn Tours, meta Line u Veronique ltaqgħu. Jew aħjar il-Mulej laqqagħhom flimkien, għax l-Ispirtu s-Santu kellu, permezz tagħhom, proġett għall-Knisja Kattolika. Line kienet xebba żagħżugħa li kienet qed tfittex kif twettaq il-vokazzjoni tagħha li taqdi lil Alla fl-aħwa żgħar bi ħtiġijiet mhux tas-soltu. Min-naħa l-oħra Veronique kienet tfajla bid-Down syndrome li kienet qed tħoss is-sejħa li toffri ħajjitha kollha lil Alla f'ħajja konsagrata. Line sabet mill-ewwel okkażjoni biex tipprova tgħinha. Imma ma kienx ħafif, għax il-liġijiet tal-Knisja kif miktuba fil-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku ma kinux jippermettu dan. Għalxejn ippruvat tgħin lil Veronique.



## DETERMINAZZJONI

Imma Line kienet deċiża li tgħin lil Veronique twettaq il-vokazzjoni tagħha. U mhux kollox kien għalxejn, għax bil-permess ta' Mons. Jean Marcel Honorè (1920-2013), l-Arċisqof ta' Tours li fl-2001 sar Kardinal, huma bdew jgħixu f'appartament fiċ-ċentru ta' Franza. L-Isqof bi pjaċir kbir għenhom ħafna u għarafhom bħala assoċjazzjoni ta' lajċi konsagrati. Interessanti kif storja bħal din bdiet f'Tours, fejn il-patrun huwa San Martin, magħruf għall-karità tiegħu mal-fqir, li skont it-tradizzjoni qawwija tah biċċa mill-mantell tiegħu u mal-lejl wara deherlu Ġesù nnifsu u raddlu ħajr għall-karità li wettaq miegħu stess, jiġifieri ma' Ġesù.

## GĦARFIEN DEFINITTIV MINN RUMA

Imma Line baqgħet toħlom ħafna aktar kif tgħin lil Veronique u xi tnejn oħra bid-Down syndrome li ngħaqdu magħhom. Sadanittant kellhom ħtieġa ta' residenza ikbar u aktar spazju. Hekk bdew jgħixu f'Le Blanc, belt ċkejkna fid-djoċesi ta' Bourges fiċ-ċentru ta' Franza. U hawn ukoll sabu mhux biss l-appoġġ u l-ħarsien tal-Arċisqof tad-djoċesi, Mons. Pierre Plateau (1924-2018), imma hu daħal għalihom kemm seta' sakemm ġabilhom l-għarfien minn Ruma fl-1999 bħala "istitut reliġjuż ta' ħajja kontemplattiva". Fis-sena 2011, imbagħad, bis-saħħa tal-Arċisqof Armad Maillard (1943-2018), arċisqof ta' Bourges, qalgħu l-għarfien definittiv mis-Santa Sede bħala komunità kontemplattiva b'regola approvata apposta għalihom.

## SORIJIET ŻGĦAR DIXXIPLI TAL-ĦARUF



Hekk, is-Sorijiet Żgħar Dixxipli tal-Ħaruf qegħdin jgħixu llum f'komunità ta' għaxar sorijiet b'Madre Line superjura. Huma jaqsmu flimkien il-ħajja kollha bejniethom, jingħataw għal xulxin, ilkoll jimxu fuq ritmu ta' ħajja kontemplattiva, talb u quddiesa, ħidma u għajnuna lil xulxin. Ġewwa Le Blanc, fl-Indre, huma jinsabu qrib l-abbazija Benedittina ta' Fontgombault, minn fejn il-monaċi joffrulhom l-għajnuna spiritwali.

## U X'JAGĦMLU?

Ilkoll skont id-doni u t-talenti tagħhom jingħataw biex jaħdmu l-fuħħar, ir-rakkmu







u l-insiġ u xogħol ta' disinn u kitba fuq l-injam. U dan l-aħħar żiedu ħidma fil-ġnien bi pjanti mediċinali. "Il-ħajja kontemplattiva, kif inhi msawra b'ritmu regolari u stabbli, hija ta' għajnuna kbira għalihom għax it-tibdil ifixkilhom bil-bosta," tistqarr Madre Line, li issa għandha ħafna esperjenza f'dan il-qasam.

Huma ispirati l-aktar mill-ispiritwalità ta' Santa Tereżina ta' Lisieux (duttur tal-Knisja) li toffri t-triq tal-imħabba fis-sempliċità tal-ħajja ritmika ta' kuljum biex persuna tista' tgħix l-għaqda m'Alla u mal-aħwa madwarha u toffri ħajjitha għal Kristu fihom.

## MESSAĠĠ QAWWI LIS-SOĊJETÀ TAGĦNA

Il-komunità tas-Sorijiet iż-Żgħar Dixxipli tal-Ħaruf hija messaġġ ħaj u qawwi lis-soċjetà moderna u kontemporanja li temmen li l-ħajja li mhix produttiva trid tagħmel wisa' għal aktar produzzjoni u enerġija u allura twarrab "bħala skart" persuni neqsin mill-forzi sħaħ tas-soltu. Il-Papa Franġisku spiss jitkellem fuq dan l-aspett tal-ħajja ta' żmienna. Fid-diskors tiegħu waqt il-laqgħa internazzjonali għal persuni b'diżabilità fil-Vatikan, nhar id-19 ta' Ottubru 2017, huwa stqarr li l-Knisja ma tistax ma tismax il-leħen ta' Kristu li kull persuna, ukoll jekk għandha xi diżabilità, tista' tiltaqa' miegħu. Mhux biss, anzi dawn jistgħu, anke bħala katekisti, jagħtu l-isbaħ xhieda b'ħajjithom. "Il-Knisja ma tistax timmuta jew ma tismax l-għajta biex tiddefendi u ġġib 'il quddiem il-qagħda ta' persuni hekk."

U dakinhar tgħidx kemm ħadu gost uħud mis-Sorijiet iż-Żgħar Dixxipli tal-Ħaruf li kellhom ix-xorti jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ mal-Papa, kif jixhed ir-ritratt li qed nuru hawn.

Meta kienet intervistata dwar il-Komunità tas-Sorijiet iż-Żgħar Dixxipli tal-Ħaruf, Madre Line stqarret li dawn is-sorijiet għandhom kapaċità li jitolbu sewwa ħafna, jafu jħobbu lil Alla tassew, huma ferħanin, jafu l-Bibbja, il-ħajjiet tal-qaddisin, huma qrib ħafna ta' Ġesù u jikkomunikaw miegħu b'aktar ħeffa. "Aħna li jidhrilna li aħna b'saħħitna nagħrfu fihom kemm huma kapaċi jaħfru malajr ukoll." ■

# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



## OTTUBRU 2019

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

### 1. 50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA TA' SANT'ANTNIN, GĦAJN DWIELI, RAĦAL ĠDID




50 sena f'Għajn-Dwieli

Fl-okkażjoni tal-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja tagħna ta' Sant'Antnin ta' Padova f'Għajn Dwieli ġiet iċċelebrata quddiesa solenni ta' radd il-ħajr immexxija mill-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawl Darmanin OFMCap. Waqt din il-quddiesa l-Ministru Provinċjali, Ħuna Effie Mallia, għamel l-omelija tal-okkażjoni u fiha fisser is-sinifikat tal-konsagrazzjoni tal-knisja u ta' kull Nisrani permezz tas-sagramenti li niċċelebraw matul il-ħajja tagħna. Flimkien mal-fraternità ta' Għajn Dwieli kkonċelebraw ukoll il-kappillan u l-kleru tal-parroċċa ta' Kristu Re ta' Raħal Ġdid. Fil-quddiesa ġew imfakkra b'mod partikolari l-aħwa Kapuċċini li ħadmu pastoralment f'din il-fraternità u f'din il-knisja, u anke l-benefatturi ħajjin u mejtin li taw is-sehem tagħhom fit-tisbiħ tal-knisja matul is-snin. Ġew ukoll inċensati t-tnax-il salib li hemm mal-kolonni ta' din il-knisja, li jfakkru propju d-dilka biż-żejt li saret fuqhom ħamsin sena ilu. ■







### 2. ITEMMU B'SUĊĊESS L-ISTUDJI TAGĦHOM



Elmar & Jethro

Fr Elmar Pace u Fr Jethro Bajada għadhom kif temmew is-sentejn tagħhom ġewwa Ruma, fejn ikkonkludew l-istudji tal-liċenzja. Matul dawn is-sentejn huma kienu qed jagħmlu parti mill-fraternità internazzjonali tal-kulleġġ tal-Ordni tagħna, San Lawrenz ta' Brindisi f'Ruma. Matul dawn is-sentejn Ħuna Jethro Bajada segwa kors fit-teoloġija spiritwali fl-Università Gregorjana. Bħala parti minn dan il-programm ta' studju Fr Jethro kiteb it-teżi tiegħu bit-titlu *Youth Accompaniment in the Digital Age: A Psycho-Spiritual Journey to Accompaniment in a Technologically Saturated World,* bl-għajnuna tal-Professur Jaime Emilio González Magaña, Ġiżwita Messikan. F'din it-teżi huwa fittex li japprofondixxi l-modi ta' kif iż-żgħażagħ tal-lum qed jiġu affettwati bl-użu kontinwu tat-teknoloġija. Imbagħad fittex li jelabora metodu ħolistiku ta' akkumpanjament spiritwali li jindirizza dawn il-problemi, fid-dawl tal-antropoloġija Kristjana.

Min-naħa l-oħra Ħuna Elmar Pace temm il-kors fl-ispiritwalità Franġiskana fl-Antonianum. Matul l-istudji tiegħu huwa kien milqut mill-qdusija tal-Beatu Solano Casey, beatu Amerikan Kapuċċin. Ħuna Elmar ra li l-qdusija li għex Solano kienet taqbel ħafna mal-qdusija kif jippreżentaha l-Papa Franġisku fl-enċiklika tiegħu *Gaudete et exultate,* u għalhekk iddeċieda li jikteb it-teżi tiegħu fuq il-kunċett tal-qdusija kif joħroġ mill-ittri tal-Beatu Solano Casey. It-titlu tat-teżi huwa *Il concetto di santità alla luce dell'epistolario di Solano Casey OFMCap (1870-1957): le virtù teologali e le opere di misericordia.*

It-teżi tinqasam fi tliet kapitli prinċipali. Fl-ewwel kapitlu huwa ppreżenta l-kuntest storiku biex hekk juri d-diffikultajiet li kien hemm fl-istudju tat-teoloġija fil-provinċja żagħżugħa ta' San Ġużepp ġewwa l-Amerika u d-diffikultajiet li sab Solano biex jistudja bil-Ġermaniż. F'dan il-kapitlu huwa wera wkoll li minħabba li Solano ġie ordnat saċerdot simplex, is-superjuri dejjem kważi tawh ix-xogħol ta' purtinar, u b'hekk kellu ċ-ċans li jiltaqa' man-nies li kienu jiġu l-kunvent, nies li hu baqa' jżomm il-kuntatt magħhom permezz tal-ittri. Fit-tieni kapitlu huwa ppreżenta l-virtujiet teologali li jinsabu fl-ittri ta' dan il-beatu, u fit-tielet kapitlu elabora kif dawn il-virtujiet Solano għexhom fil-prattika tal-ħajja u ħajjar oħrajn biex jagħmlu l-istess permezz tal-opri tal-ħniena. Nawguraw mill-qalb lil dawn ħutna fis-suċċess li huma ġabu kemm fl-eżamijiet u anke fit-teżijiet tagħhom. Fr Elmar Pace issa fadallu jiddefendi t-teżi tiegħu f'Novembru li ġej. ■

## 3. IL-FUNERAL TA' ĦUNA JOE GALEA F'HOLA





Nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju 2019 ġiet organizzata quddiesa fil-parroċċa ta' Hola, fejn Ħuna Joe ħadem bħala kappillan għal aktar minn erbgħin sena. Il-quddiesa ġiet offruta bħala suffraġju għal ruħu. Peress li kienu jafuh ħafna nies ġie deċiż li ssir fil-beraħ fuq il-compound tal-istess knisja. Għal din il-quddiesa ġew mistiedna l-parroċċi l-oħra, l-aktar dawk li twieldu minn Hola, jiġifieri l-parroċċi ta' Bura, Wenje u Emmaus. Is-saċerdoti ta' dawn il-parroċċi ġew kollha u magħhom ukoll numru ta' Nsara. Kien hemm ukoll preżenti l-Kustodju tal-Kapuċċini tal-Kenja, Ħuna Paul Sila, flimkien ma' xi aħwa Kapuċċini li ġew miegħu minn Nairobi. Il-quddiesa kienet ippreseduta mill-Isqof ta' Garissa Ħuna Mons. Joseph Alessandro. Il-quddiesa kienet ippreparata tajjeb ħafna, speċjalment minn Fr Richard, il-viċi kappillan u l-kunsill pastorali parrokkjali ta' Hola.





Lejn l-aħħar tal-quddiesa saru messaġġi qosra minn rappreżentanti ta' kull parroċċa, mis-superjur tal-Kapuċċini fil-Kenja u mill-Isqof ta' Garissa. Wara l-quddiesa saret purċissjoni fuq il-post, wara l-knisja, fejn Ħuna Joe Galea kien jgħid li jekk imut f'Hola jixtieq li jindifen. Temporanjament għamlu bħal blokka li fuqha għamlu r-ritratt tiegħu u s-salib li kellu fuq it-tebut f'Malta, li nġib Hola minn Fr Kenneth, Kapuċċin Kenjan li kien għall-funeral f'Malta. Hemm għamilna t-talb għal ruħu u t-tfal poġġew kuruni u salib tal-fjuri kif ukoll xi bukketti tal-fjuri. In-nies ta' Hola, Bura, Wenje u Emmaus ħassew ħafna t-telfa tiegħu għax kien tassew missierhom, mhux biss fil-ħtiġijiet spiritwali tagħhom iżda wkoll f'għajnuna materjali. ■

## 4. GĦOTJIET B'RISQ IL-MISSJONI FIL-KENJA

• L-ewwel għotja mogħtija b'risq il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja kienet dik mogħtija mill-Fondazzjoni U, permezz tal-fundatur u direttur Dun Ġwann Farrugia. L-għotja sabiħa u ġeneruża kienet ta' €70,000. Din l-għotja hija frott il-Maratona Missjoni li saret nhar il-25, 26 u 27 ta' Jannar 2019.

Nixtiequ ngħidu grazzi kbira l-ewwel u qabel kollox lil Alla, li għadu qed isawwab fi qlub il-Maltin u l-Għawdxin ġenerożità u mħabba kbira lejn il-missjunarju u l-missjonijiet. Grazzi lill-Fondazzjoni U li ta' kull sena ssejħilna sabiex inkunu fost id-destinatarji li għalihom jinġabru l-flus fil-Maratona Missjoni. Mhux inqas f'isem il-missjunarji u l-artijiet tal-missjoni li sejrin igawdu minn dawn il-flus miġbura nixtiequ ngħidu grazzi lill-Maltin u l-Għawdxin li taw l-offerta tagħhom waqt din il-maratona. Jekk il-Mulej qalilna li għal kull tazza ilma li nagħtu lil kull wieħed miż-żgħar, mill-fqar, mill-morda, minn dawk li għandhom l-għatx u l-ġuħ, Huwa jagħti mitt darba iżjed, mela xi ħlas kbir hemm jistenna lil dawk li kienu tant ġenerużi li taw aktar minn tazza ilma!



Il-mument meta Dun Ġwann Farrugia qed jagħti l-għotja ta' €70,000 b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja.

• It-tieni għotja kienet dik mogħtija mis-Sur George Zammit. Matul iż-żmien tar-Randan imqaddes il-ħabib tagħna Ġorġ ħa l-inizjattiva li jippubblika ktejjeb devozzjonali bit-talba tal-Via Sagra. Dan il-ktejjeb intlaqa' tajjeb ferm; fil-fatt kollu nbiegħ. Is-Sur Zammit ħa d-deċiżjoni li b'ġenerożità u mħabba lejn il-missjoni joffri d-dħul kollu mill-bejgħ ta' dan il-ktejjeb, li kien jammonta għal €600, sabiex issir borża ta' studju u b'hekk ikun jista' jsir saċerdot fil-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Huwa ġest tassew ta' min mhux biss jammirah imma wkoll jimitah. Grazzi u prosit, George.



Is-Sur George Zammit jgħaddi l-borża ta' studju lil Fr Philip Cutajar OFMCap

• Għotja oħra kienet is-somma sabiħa ta' €3,622, li nġabret mill-bejgħ tal-figolli tal-Għid mill-Grupp Koppji Franġiskani tal-Furjana. Din diġà hija r-raba' sena li dawn il-koppji, anke b'sagrifiċċji personali għalihom, marru kull nhar ta' Sibt filgħaxija u matul il-ġranet tal-Ħdud ta' matul ir-Randan f'diversi knejjes u parroċċi bil-għan li jbigħu l-figolli. U bis-sagrifiċċji u l-impenn tagħhom huma ferħanin u sodisfatti li rnexxielhom jiġbru din is-somma sabiħa.

Ngħidulhom grazzi kbira filwaqt li nammiraw is-sagrifiċċji li jagħmlu, frott l-imħabba kbira li għandhom lejn il-missjoni. Ngħidu grazzi wkoll lill-kappillani u r-retturi tal-knejjes li aċċettaw it-talba tagħhom sabiex joqogħdu wara l-bieb tal-knisja jbigħu l-figolli b'risq il-missjoni. Grazzi lil dawk kollha li xtraw din is-sena l-figolla tagħhom mingħandhom u b'hekk għenu fl-opra missjunarja tal-Kapuċċini fil-Kenja.



Membri mill-Grupp Koppji Franġiskani jagħtu l-offerta tagħhom miġbura mill-bejgħ tal-figolli

• Il-Grupp Koppji Franġiskani tal-Furjana għal darb'oħra ta offerta għall-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja,

din id-darba s-somma sabiħa ta' €5,300. Dan l-ammont inġabar minn pasta night li saret b'risq il-missjoni fuq is-swar tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2019.

Hawnhekk ukoll nixtiequ nirringrazzjaw u nuru l-gratitudni tagħna kemm lil Fr Philip Cutajar, bħala direttur ta' dan il-grupp, kif ukoll lill-membri kollha tal-grupp flimkien ma' għadd sabiħ ta' voluntiera li taw is-sehem tagħhom għas-suċċess ta' din l-attività. Grazzi kbira lil ħafna benefatturi li taw diversi kontribuzzjonijiet, kemm għall-ikel kif ukoll bħala rigali għal-lotterija li saret matul l-attività. B'kollox kien hemm 63 raffle għal din il-lotterija.

Kulħadd kien kuntent u ħeġġeġ sabiex attivitajiet bħal dawn ikomplu jsiru, bil-għan li filwaqt li aħna nieklu xi ħaġa u nieħdu gost bejnietna, inkunu qed nitimgħu lil min hu bil-ġuħ fl-artijiet tal-missjoni. ■

### 5. LAQGĦA TA' FRATERNITÀ FRANĠISKANA

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju l-Aħwa Franġiskani Konventwali għamlu żjara lill-fraternità fil-Furjana. Din kienet għalihom il-ħarġa tal-festi tal-Għid bħala provinċja. Wara li għaddew mument ta' talb flimkien kellhom l-opportunità li jagħmlu żjarat kulturali-storiċi kemm fil-Mużew tal-provinċja tal-Kapuċċini kif ukoll fil-kannierja fil-kunvent tal-Furjana. Huma kienu mmexxija minn Ħuna Fr Martin Micallef OFMCap. Ilkoll kemm huma wrew interess kbir kemm fl-istorja tal-provinċja tagħna l-Kapuċċini f'Malta kif ukoll fil-patrimonju storiko-kulturali maħżun bħala memorja tal-imgħoddi.

Din il-laqgħa fraterna ntemmet bi żjara fuq is-swar, fejn fuq talba tagħhom stess xtaqu jaraw il-panorama tal-Port il-Kbir, u wara qagħdu magħna għall-ikla ta' nofsinhar. Ilkoll kemm aħna qbilna li laqgħat bħal dawn għandhom jissuktaw sabiex b'hekk insaħħu u nkattru l-għaqda ta' bejnietna bħala familja Franġiskana. Prosit tassew lil min ħa din l-inizjattiva. Kien hemm min qal: "Jalla laqgħat bħal dawn isiru ta' spiss anke bejn it-tliet ordnijiet Franġiskani maskili f'Malta!" ■



Aħwa Franġiskani flimkien waqt l-ikla ta' nofsinhar



Żjara fuq is-swar tal-kunvent fi tmiem iż-żjara



Mument waqt iż-żjara fil-Kannierja

## 6. KARDINAL ĠDID KAPUĊĊIN



Nhar il-Ħadd l-1 ta' Settembru, il-Papa Franġisku waqt it-talba tal-Angelus fi Pjazza S. Pietru ħabbar l-għażla ta' 13-il kardinal ġdid fosthom diversi reliġjużi u minn pajjiżi hekk imsejħa missjunarji. Fost dawn wieħed minnhom huwa Franġiskan Kapuċċin, Ħuna l-Arċisqof Fridolin Ambongo Besungu ta' Kinshasa fir-Repubblika Demokratika tal-kongo. Il-Papa ħabbar ukoll li dawn jibdew jagħmlu parti mill-Kulleġġ tal-Kardinali mill-5 t'Ottubru qabel jiftaħ is-Sinodu tal-Isqfijiet tant mistenni dwar il-Knisja fl-Amażonja.

Il-Kardinal elett, l-Arċisqof Kapuċċin, stqarr f'intervista bit-telefon ma' Radju Vatikan, ftit sigħat wara li xterdet l-aħbar uffiċjali tal-għażla tiegħu, "li aktar milli jħares lejh innifsu f'din in-nomina huwa jara l-għarfien tal-Papa u tal-Knisja għall-ħidma li l-Insara fil-Kongo qed iwettqu sabiex jgħinu u jagħtu leħen lill-poplu tagħna li qed isofri."

Il-Kardinal Besungu, li għandu 59 sena, jara wkoll li "t-triq tajba li l-Knisja fil-Kongo għażlet favur il-fqar jeħtieġ tkompli biex tnissel tama fil-poplu kollu tal-Kongo... u dan ikompli jgħin lil kulħadd f'mixjitu għal ħajja aktar umana li tixraq lil kull bniedem."

Il-Kardinal il-ġdid Kapuċċin daħal fl-Ordni fl-1980, ġie ordnat saċerdot fl-1988, kompla l-istudji tiegħu fit-teoloġija morali f'Ruma, għallem f'diversi istituzzjonijiet għolja fil-Kongo, serva bħala kappillan ukoll sakemm fl-2004 ġie maħtur isqof u serva bħala viċi president tal-Konferenza tal-Isqfijiet tal-Kongo għal dawn l-aħħar tliet snin.

*(Nitolbu l-Mulej għalih u għall-kardinali l-oħrajn, uħud minnhom ukoll qed jaħdmu f'pajjiżi fl-Afrika, f'Kuba, il-Gwatemala u fl-Indoneżja. U b'mod speċjali dawk mogħtijin għal aktar djalogu impenjattiv ma' reliġjonijiet oħra.)* ■

## 7. PITTURA TA' FRA BASKAL CARUANA



Il-pittur Għawdxi Paul Cassar, li anke jiffrekwenta l-kunvent tagħna ta' Għawdex, għadu kif lesta pittura żgħira imma tassew artistika (20 ċm x 30 ċm) ta' Ħuna Fra Baskal Caruana, li għadda l-aħħar 20 sena ta' ħajtu f'dan il-kunvent imsemmi. Bħal ħafna nies oħra midħla tal-maħbub il-Fra tagħna, li nġibdu lejn il-karatteristiċi sbieħ li kellu dan Ħuna speċjalment dawk tas-sempliċità Franġiskana msieħba mal-bżulija, qalb sensittiva li tħoss speċjalment għall-batut, bniedem ta' talb u ġabra, ċajtier dejjem bi tbissima u b'qalb mimlija mħabba miftuħa għal kulħadd, hekk ġralu s-Sur Cassar.

Din il-pittura kienet lesta nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju ta' din is-sena, eżattament f'għeluq it-tliet snin mill-mewt ta' dan Ħuna Fra Baskal. Din il-pittura li hija żejt fuq it-tila nħadmet għal kollezzjoni privata. Din il-biċċa xogħol ta' arti tkompli turi kemm dan Ħuna Fra Baskal kien maħbub u seraq ħafna qlub mhux biss f'Malta meta kien fil-Kunventi tat-Trinità, il-Marsa, il-Furjana u x-Xemxija imma wkoll man-nies Għawdxin. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCAP



# SAN ĠWANNI PAWLU II PAPA

## FREJJEĠ TAL-ĦAXIX ( BIL-POLLAKK IMSEJĦA "PLACKI" )



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien l-ewwel Papa mhux Taljan wara 400 sena.*

*Ismu tal-magħmudija kien Karol Jozef Wojtyla, u twieled nhar it-18 ta' Mejju tal-1920 ġo Wadowice, il-Polonja. Ġie ordnat saċerdot fl-1946. Kien fl-1978 li ħie magħżul bħala Papa.*

*Dan il-Papa kif nafu żar lil Malta darbtejn. Ħuwa Papa maħbub ħafna minn kulħadd, anke minna l-Maltin, li ħafna minna għad għandhom f'moħħhom u f'qalbhom iż-żjara Tiegħu.*

*Fost l-ikel li dan il-Papa kien iħobb, kienu l-frejjeġ tal-ħaxix imsejħa "Placki" bil-Pollakk.*



## Ingredjenti

- 100gr Patata
- 100gr karrotti
- 100gr qarabali
- 1 bajda
- 2 mgħaref Cornflour
- Melħ u bżar
- Żejt

## Tisjir

1. Ħakkek il-patata, il-karrotti u l-qarabali.
2. Agħsarhom sewwa ġo sarvetta, sabiex jissaffew mill-ilma li jkollhom.
3. Itfaħhom ġo suppiera.
4. Ħallat magħhom il-bajda, il-melħ u l-bżar u l-cornflour.
5. Saħħan iż-żejt ġo taġen u mit-taħlita fforma frejjeġ żgħar u aqlihom. ■



KOMPETIZZJONI
FR WISTIN ATTARD OFMCap



# ROKNA GĦAT-TFAL

## AĦSEB U WIEĠEB

1. L-agħma nħasel fis-Silwam u: ħass il-bard, indaf, ġie jara. (Ġw. 9, 11)
2. Bħal nagħġa meħuda: għall-qatla, biex tirgħa, għall-ħalib. (Atti 8, 32)
3. Min joqtol bis-sejf: imur il-ħabs, joqtluh bis-sejf, jinħeles. (Apk. nota 13, 10)
4. Iż-żerrigħat li waqgħu fuq art tajba: għamlu l-frott, tnawru, mietu. (Mt. 13, 8)
5. Dawk li jħallu kollox minħabba Kristu jirċievu kollox għal: 10, 50, 100 darba. (Mk 10, 29-30)
6. Ġesù qal lill-mifluġ: "Qum, Dnubietek maħfura, Imxi." (Lq. 5, 20)
7. L-agħma qalilhom, "Dak: raġel midneb, saħħar, profeta." (Ġw. 9, 17)
8. Filippu niżel fl-ilma mal-ewnuku u: għamu, għammdu, nħaslu. (Atti 8, 38)
9. Rajt tielgħa mill-art: daħna, siġra, bhima oħra. (Apk. 13, 11)
10. Kull min għandu: jingħatalu, jitteħidlu, jintiliflu. (Mt. 13, 12)

## TISLIBA NRU 177




1. Ġbarthom ħdejn din. (Esd. 8, 15) (5)
2. It-triq mhix mgħawġa. (2 Sam. 22, 31) (6)
3. Kif irid ikun it-turbant. (Żak. 3, 5) (5)
4. Dan jagħmel ħafna minnu. (Ġw. 15, 5) (5)
5. Ulied Żilfa: Gad u dan. (Ġen. 35, 26) (4)
6. Uliedu għamlu l-ħażen. (1 Mak. 5, 4) (5)
7. Aktar... mill-mewt. (Koħ. 7, 26) (5)
8. Din hi bla qies. (Ġoel 4, 14) (5)
9. Tal-liturġija dan. (Sir. 50, 19) (3)
10. Farrkuhom bil-mazza u b'din. (S. 74, 6) (7)
11. u 12. U f'lejl wieħed **telqet**. (Ġona 4, 10) (6)
13. Maħbub u seħibna fix-xogħol. (Kol. 1, 7) (6)
14. It-tfal jogħtru taħtu. (Lam. 5, 13) (5)
15. Dawn u nagħaġ. (1 Kron. 12, 41) (5)
16. Dan kollu tnassis. (Efes. 6, 11) (5)
17. Jiġbruha għat-tempju. (Mt. 17, 24) (5)
18. Imħallfin, ... u setgħat. (Dan. 3, 2) (7)
19. Il-ħżiena u l-... b'oħra. (2 Tim. 3, 13) (4)
20. **Ħares**, tak il-Mulej, Alla tiegħek. (Dt. 1, 21) (3)
21. Fejn kien Abimelek. (Imħ. 9, 31) (5)
22. Kif ngħakkes lil ġismi. (1 Kor. 9, 27) (5)

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #176

1. Ħarxa; 2. Faħħru; 3. Fissi; 4. Saħħa; 5. Nida; 6. Sabar; 7. Arani; 8. Aħira; 9. Xiħ; 10. Saħħara; 11. u 12. Kuruna; 13. Nifraħ; 14. Nħoss; 15. Żjara; 16. Iftħu; 17. Akbar; 18. Ħrejjef; 19. Ebda; 20. Fik; 21. Soder; 22. Ħsara.

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Awwissu u Settembru 2019

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni AQTA' MIN - Nru 36 huwa EMERSON DIACONO – 'Bliss' 198, Triq il-Kampanella - il-Fgura. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 176 huwa: NAZZAREN FARRUGIA – 141, Dun Ġorġ, Triq tal-Karmnu, il-Fgura FGR 2105. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Sta Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052